# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 173

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 66

15 ta' Mejju 2023


Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**


2023/C 173/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* . . . 1


V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**


2023/C 173/02 Kawża C-640/20 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-23 ta' Marzu 2023 – PV vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell – Servizz pubbliku – Fastidju psikoloġiku – Opinjonijiet mediċi – Assenzi mhux iġġustifikati – Remunerazzjoni – Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 11a – Kunflitt ta' interessi – Artikolu 21a – Ordni manifestament illegali – Artikolu 23 – Osservanza tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-pulizija – Proċeduri dixxiplinari – Revoka – Irtirar tar-revoka – Proċedura dixxiplinari ġdida – Revoka ġdida) . . . 2

2023/C 173/03 Kawża C-70/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (is-Sitt Awla) tat-23 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Direttiva 2008/50/KE – Kwalità tal-arja ċirkostanti – Artikolu 13(1) – Anness XI – Qbiż sistematiku u persistenti tal-valuri limitu ta' kuljum stabbiliti għall-mikropartiċelli (PM10) fl-agglomerazzjonijiet ta' Tessaloniki, (EL 0004) – Artikolu 23(1) – Anness XV – Perijodu "l-iqsar possibbli" li fih jinqabżu l-valuri limitu – Miżuri xierqa) . . . 2


MT

2023/C 173/04 Kawża C-365/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-Ħames Awla) tat-23 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberlandesgericht Bamberg – il-Ġermanja) – proċeduri kriminali kontra MR (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen – Artikolu 54 – Prinċipju ta' ne bis in idem – Artikolu 55(1)(b) – Eċċezzjoni applikazzjoni tal-prinċipju ne bis in idem – Reat kontra s-sigurtà jew interessi oħra essenzjali tal-Istat Membru – Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Prinċipju ta' ne bis in idem – Artikolu 52(1) – Limitazzjonijiet għall-prinċipju ta' ne bis in idem – Kompatibbiltà ta' dikjarazzjoni nazzjonali li tipprevedi eċċezzjoni għall-prinċipju ta' ne bis in idem – Organizzazzjoni kriminali – Reati kontra l-patrimonju) . . . . . . . . . . 3

2023/C 173/05 Kawża C-412/21, Dual Prod: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-23 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunalul Satu Mare – ir-Rumanija) – Dual Prod SRL vs Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca – Comisia regională pentru autorizarea operatorilor de produse supuse accizelor armonizate (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Dazji tas-sisa – Direttiva 2008/118/KE – Artikolu 16(1) – Awtorizzazzjoni biex wieħed jopera bħala maħżen tat-taxxa ta' prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa – Miżuri ta' sospensjoni suċċessivi – Natura kriminali – Artikoli 48 u 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza – Prinċipju ta' ne bis in idem – Proporzjonalità) . . . . . . . . . . 4

2023/C 173/06 Kawżi Magħquda C-514/21 u C-515/21, Minister for Justice and Equality (Tneħħija tas-sospensjoni) *et*: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-23 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Court of Appeal – l-Irlanda) – L-eżekuzzjoni ta' żewġ mandati ta' arrest Ewropew maħruġa fil-konfront ta' LU (C-514/21), PH (C-515/21) (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri – Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni – Raġunijiet ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva – Artikolu 4a(1) – Mandat maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà – Kunċett ta' "proċess li rriżulta fid-deċiżjoni" – Portata – L-ewwel kundanna sospiża – It-tieni kundanna – Assenza tal-persuna kkonċernata fil-kawża – Revoka tas-sospensjoni – Drittijiet tad-difiża – Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali – Artikolu 6 – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 47 u 48 – Ksur – Konsegwenzi) . . . . . . . . . . 5

2023/C 173/07 Kawża C-574/21, 02 Czech Republic: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-23 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Nejvyšší soud. – ir-Repubblika Ċeka) – QT vs 02 Czech Republic a. s. (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Aġenti kummerċjali indipendenti – Direttiva 86/653/KEE – Artikolu 17(2)(a) – Terminazzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija – Dritt tal-aġent kummerċjali għal kumpens – Kundizzjonijiet għall-għoti – Kumpens ekwu – Evalwazzjoni – Kunċett ta' "kummissjonijiet li l-aġent kummerċjali jitlef" – Kummissjonijiet fuq tranżazzjonijiet futuri – Klijenti ġodda li l-aġent kummerċjali ġab – Klijenti eżistenti li magħhom l-aġent kummerċjali jkun żviluppa n-negozju b'mod sinjifikattiv – Kummissjonijiet ta' darba) . . . . . . . . . . 6

2023/C 173/08 Kawża C-653/21, Syndicat Uniclima: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-23 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Franza) – Synidcat Uniclima vs Ministre de l'Intérieur (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq intern – Armonizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali dwar il-makkinarji, it-tagħmir elettriku taħt voltaġġ u apparat ta' pressjoni – Direttiva 2006/42/KE – Direttiva 2014/35/UE – Direttiva 2014/68/UE – "Marka CE" – Impożizzjoni, permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, ta' rekwiżiti supplimentari għar-rekwiżiti ta' sigurtà essenzjali previsti minn dawn id-direttivi – Kundizzjonijiet – Leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tas-sigurtà kontra r-riskji ta' nirien u ta' paniku fl-istabbilimenti li jilqgħu l-pubbliku) . . . . . . . . . . 7

2023/C 173/09 Kawża C-662/21, Booky.fi: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-23 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Korkein hallinto-oikeus – il-Finlandja) – Booky.fi Oy (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikoli 34 u 36 TFUE – Moviment liberu tal-merkanzija – Miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva – Reġistrazzjonijiet ta' programmi awdjoviżivi – Bejgħ online – Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi klassifikazzjoni ta' età u ttikkettjar tal-programmi – Protezzjoni tal-minuri – Reġistrazzjonijiet li diġà kienet is-suġġett ta' klassifikazzjoni u ta' ttikkettjar fi Stat Membru ieħor – Proporzjonalità) . . . . . . . . . . 7

| | | |
|---|---|---|
| 2023/C 173/10 | Kawża C-561/22, Willy Hermann Service: Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (id-Disa' Awla) tas-7 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bundesverwaltungsgericht (Innsbruck) – l-Awstrija – Willy Hermann Service GmbH, DI vs Präsidentin des Landesgerichts Feldkirch (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Direttiva 2013/34/UE – Artikoli 30 u 51 – Pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji – Sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' pubblikazzjoni – Impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità minn qorti ċivili – Proċedura amministrattiva għall-irkupru tal-pagamenti ta' penali msemmija, li saru definittivi – Regolamenti li jeskludu l-eżami mill-ġdid tal-imsemmija pagamenti ta' penali minn qorti amministrattiva – Awtorità ta' res judicata – Prinċipju ta' effettività – Proporzjonalità) | 8 |
| 2023/C 173/11 | Kawża C-76/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie (il-Polonja) fil-5 ta' Frar 2022 – QI vs Santander Bank Polska S.A. | 9 |
| 2023/C 173/12 | Kawża C-552/22 P: Appell ippreżentat fit-18 ta' Awwissu 2022 minn Asociación de Delineantes de Hacienda mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fit-13 ta' Lulju 2022 fil-Kawża T-280/22, Asociación de Delineantes de Hacienda vs Spanja | 9 |
| 2023/C 173/13 | Kawża C-605/22 P: Appell ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2022 minn Hijos de Moisés Rodríguez González, SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla Estiża) fid-29 ta' Ġunju 2022 fil-Kawża T-306/20 – Hijos de Moisés Rodríguez González vs EUIPO – L-Irlanda u Ornua (La Irlandesa 1943) | 10 |
| 2023/C 173/14 | Kawża C-732/22 P: Appell ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2022 minn G-Core Innovations Sàrl mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-28 ta' Settembru 2022 fil-Kawża T-454/21, G-Core Innovations vs EUIPO – Coretransform (G CORELABS) | 10 |
| 2023/C 173/15 | Kawża C-735/22 P: Appell ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2022 minn Primagran sp. z o.o. mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fit-22 ta' Settembru 2022 fil-Kawża T-624/21, Primagran vs EUIPO – Primagaz (prımagran) | 10 |
| 2023/C 173/16 | Kawża C-775/22, Banco Santander: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fl-20 ta' Diċembru 2022 – M.S.G. *et* vs Banco Santander, SA | 11 |
| 2023/C 173/17 | Kawża C-779/22, Banco Santander: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-22 ta' Diċembru 2022 – M.C.S. vs Banco Santander, SA | 11 |
| 2023/C 173/18 | Kawża C-794/22, Banco Santander: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-23 ta' Diċembru 2022 – FSC vs Banco Santander SA | 12 |
| 2023/C 173/19 | Kawża C-28/23, NFŠ: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Okresný súd Bratislava III (is-Slovakkja) fl-24 ta' Jannar 2023 – NFŠ a.s. vs Slovenská republika, li qiegħda taġixxi permezz tal-Ministerstvo školstva, vedy, výskumu a športu Slovenskej republiky, u Ministerstvo školstva, vedy, výskumu a športu Slovenskej republiky | 13 |
| 2023/C 173/20 | Kawża C-40/23 P: Appell ippreżentat fis-26 ta' Jannar 2023 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla Estiża) fis-16 ta' Novembru 2022 fil-Kawża T-469/20, Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni | 14 |
| 2023/C 173/21 | Kawża C-54/23, Laudamotion u Ryanair: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-3 ta' Frar 2023 – WY vs Laudamotion GmbH, Ryanair DAC | 15 |
| 2023/C 173/22 | Kawża C-57/23, Policejní prezidium: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší správní soud (ir-Repubblika Ċeka) fit-2 ta' Frar 2023 – JH vs Policejní prezidium | 15 |
| 2023/C 173/23 | Kawża C-62/23, Pedro Francisco: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Contencioso-Administrativo nº 5 de Barcelona (Spanja) fis-6 ta' Frar 2023 – Pedro Francisco vs Subdelegación del Gobierno en Barcelona | 16 |
| 2023/C 173/24 | Kawża C-63/23: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Contencioso-Administrativo nº 5 de Barcelona (Spanja) fis-6 ta' Frar 2023 – Sagrario *et* vs Subdelegación del Gobierno en Barcelona | 17 |
| 2023/C 173/25 | Kawża C-65/23, K GmbH: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fit-8 ta' Frar 2023 – MK vs K GmbH | 17 |

| | | |
|---|---|---|
| 2023/C 173/26 | Kawża C-66/23: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (il-Greċja) fis-7 ta' Frar 2023 – Elliniki Ornithologiki Etaireia, Syllogos Diktyo Oikologikon Organoseon Aigaiou, Perivallontikos Syllogos Rethymnou, Politistikos Syllogos Thronos Kleisidiou, KX *et* vs Ypourgos Esoterikon, Ypourgos Oikonomikon, Ypourgos Anaptyxis kai Ependyseon, Ypourgos Perivallontos kai Energeias, Ypourgos Agrotikis Anaptyxis kai Trofimon | 18 |
| 2023/C 173/27 | Kawża C-87/23, Latvijas Informācijas un komunikācijas tehnoloģijas asociācija: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administratīvā apgabaltiesa (il-Latvja) fil-15 ta' Frar 2023 – Biedrība "Latvijas Informācijas un komunikācijas tehnoloģijas asociācija" vs Valsts ieņēmumu dienests | 19 |
| 2023/C 173/28 | Kawża C-108/23, SmartSport Reisen: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Groß-Gerau (il-Ġermanja) fit-23 ta' Frar 2023 – PU vs SmartSport Reisen GmbH | 20 |
| 2023/C 173/29 | Kawża C-110/23 P: Appell ippreżentat fit-22 ta' Frar 2023 mill-Autoridad Portuaria de Bilbao mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fl-14 ta' Diċembru 2022 fil-Kawża T-126/20, Autoridad Portuaria de Bilbao vs Il-Kummissjoni | 21 |
| 2023/C 173/30 | Kawża C-119/23, Valančius: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vilniaus apygardos administracinis teismas (il-Litwanja) fit-28 ta' Frar 2023 – Virgilijus Valančius vs Il-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja | 22 |
| 2023/C 173/31 | Kawża C-122/23, Legfact: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad (il-Bulgarija) fl-1 ta' Marzu 2023 – Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" Sofia pri Tsentralno upravlenie na Natsionalna agentsia za prihodite vs "Legafact" EOOD | 23 |
| 2023/C 173/32 | Kawża C-128/23, Müller Reisen: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-3 ta' Marzu 2023 – Müller Reisen GmbH vs Stadt Olsberg | 23 |
| 2023/C 173/33 | Kawża C-165/23: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija | 24 |
| 2023/C 173/34 | Kawża C-167/23: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika | 25 |
| 2023/C 173/35 | Kawża C-172/23: Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs l-Irlanda | 25 |
| 2023/C 173/36 | Kawża C-180/23: Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika | 26 |
| 2023/C 173/37 | Kawża C-181/23: Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika ta' Malta | 27 |
| 2023/C 173/38 | Kawża C-191/23: Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża | 27 |
| 2023/C 173/39 | Kawża C-192/23: Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Latvja | 28 |
| 2023/C 173/40 | Kawża C-193/23: Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs ir-Repubblika Taljana | 29 |
| | **Il-Qorti Ġenerali** | |
| 2023/C 173/41 | Kawża T-100/23: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2023 – ABLV Bank vs BĊE | 30 |
| 2023/C 173/42 | Kawża T-110/23: Rikors ippreżentat fis-27 ta' Frar 2023 – Kargins vs Il-Kummissjoni | 31 |
| 2023/C 173/43 | Kawża T-115/23: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2023 – Debreceni Egyetem vs Il-Kunsill | 31 |
| 2023/C 173/44 | Kawża T-125/23: Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2023 – Synapsa Med vs EUIPO – Gravity Products (Gravity) | 34 |
| 2023/C 173/45 | Kawża T-136/23: Rikors ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2023 – Vintae Luxury Wine Specialists vs EUIPO – Grande Vitae (vintae) | 35 |
| 2023/C 173/46 | Kawża T-149/23: Rikors ippreżentat fit-23 ta' Marzu 2023 – Kirov vs EUIPO – Pasticceria Cristiani (CRISTIANI) | 35 |

| | | |
|---|---|---|
| 2023/C 173/47 | Kawża T-156/23: Rikors ippreżentat fit-23 ta’ Marzu 2023 – Il-Polonja vs Il-Kummissjoni Ewropea | 36 |
| 2023/C 173/48 | Kawża T-157/23: Rikors ippreżentat fl-24 ta’ Marzu 2023 – Kneipp vs EUIPO – Patou (Joyful by nature) | 37 |
| 2023/C 173/49 | Kawża T-160/23: Rikors ippreżentat fl-24 ta’ Marzu 2023 – VO vs Il-Kummissjoni | 37 |
| 2023/C 173/50 | Kawża T-161/23: Rikors ippreżentat fil-25 ta’ Marzu 2023 – Schönegger Käse-Alm vs EUIPO – Jumpseat3D plus Germany (Rebell) | 38 |
| 2023/C 173/51 | Kawża T-162/23: Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Marzu 2023 – Sengül Ayhan vs EUIPO – Pegase (Rock Creek) | 39 |
| 2023/C 173/52 | Kawża T-166/23: Rikors ippreżentat fit-28 ta’ Marzu 2023 – Dekoback vs EUIPO – DecoPac (DECOPAC) | 40 |
| 2023/C 173/53 | Kawża T-169/23: Rikors ippreżentat fid-29 ta’ Marzu 2023 – RT France vs Il-Kunsill | 40 |
| 2023/C 173/54 | Kawża T-171/23: Rikors ippreżentat fit-30 ta’ Marzu 2023 – VR vs Il-Parlament | 41 |
| 2023/C 173/55 | Kawża T-627/28: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta’ Marzu 2023 – ZK vs Il-Kummissjoni | 42 |
| 2023/C 173/56 | Kawża T-16/22: Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta’ Marzu 2023 – NV vs BEI | 42 |
| 2023/C 173/57 | Kawża T-97/22: Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta’ Marzu 2023 – Ilunga Luyoyo vs Il-Kunsill | 42 |
| 2023/C 173/58 | Kawża T-447/22: Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta’ Marzu 2023 – NV vs BEI | 42 |

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

## L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

(2023/C 173/01)

**L-aħħar pubblikazzjoni**

ĠU C 164, 8.5.2023

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 155, 2.5.2023

ĠU C 134, 17.4.2023

ĠU C 127, 11.4.2023

ĠU C 121, 3.4.2023

ĠU C 112, 27.3.2023

ĠU C 104, 20.3.2023

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-23 ta’ Marzu 2023 – PV vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-640/20 P)** ([1])

***(Appell – Servizz pubbliku – Fastidju psikoloġiku – Opinjonijiet mediċi – Assenzi mhux iġġustifikati – Remunerazzjoni – Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 11a – Kunflitt ta’ interessi – Artikolu 21a – Ordni manifestament illegali – Artikolu 23 – Osservanza tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-pulizija – Proċeduri dixxiplinari – Revoka – Irtirar tar-revoka – Proċedura dixxiplinari ġdida – Revoka ġdida)***

(2023/C 173/02)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* PV (rappreżentant: D. Birkenmaier, Rechtsanwalt)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn T. S. Bohr, B. Mongin u A.-C. Simon, sussegwentement minn T. S. Bohr u A.-C. Simon, bħala aġenti)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) PV huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

([1]) ĠU C 98, 22.3.2021

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (is-Sitt Awla) tat-23 ta’ Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika**

**(Kawża C-70/21)** ([1])

***(Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Direttiva 2008/50/KE – Kwalità tal-arja ċirkostanti – Artikolu 13(1) – Anness XI – Qbiż sistematiku u persistenti tal-valuri limitu ta’ kuljum stabbiliti għall-mikropartiċelli (PM10) fl-agglomerazzjonijiet ta’ Tessaloniki, (EL 0004) – Artikolu 23(1) – Anness XV – Perijodu “l-iqsar possibbli” li fih jinqabżu l-valuri limitu – Miżuri xierqa)***

(2023/C 173/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Konstantinidis u M. Noll-Ehlers, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentant: E. Skandalou, aġent)

**Dispożittiv**

1) Ir-Repubblika Ellenika,

— billi ma assiguratx li l-valur ta' limitu ta' kuljum stabbilit għall-PM10 ma nqabiżx b'mod sistematiku u persistenti, mis-sena 2005 sas-sena 2012 inkluża, fl-2014, imbagħad minn ġdid mis-sena 2017 sas-sena 2019 inkluża, fl-agglomerazzjoni ta' Tessaloniki (EL 0004), naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 13(1) u l-Anness XI tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa, u,

— billi ma adottatx, mill-11 ta' Ġunju 2010, il-miżuri xierqa biex tiġi ggarantita l-konformità mal-valur ta' limitu ta' kuljum stabbilit għall-PM10 fl-agglomerazzjoni ta' Tessaloniki (EL 0004), naqset milli twettaq l-obbligi imposti mill-Artikolu 23(1) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Anness XV tagħha, u, b'mod partikolari, l-obbligu li jiġi żgurat li l-pjanijiet tal-kwalità tal-arja jinkludu miżuri xierqa sabiex il-perijodu li matulu jinqabeż dan il-valur ta' limitu jkun qasir kemm jista' jkun.

2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

[1] ĠU C 128, 12.04.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-Ħames Awla) tat-23 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberlandesgericht Bamberg – il-Ġermanja) – proċeduri kriminali kontra MR**

**(Kawża C-365/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen – Artikolu 54 – Prinċipju ta' ne bis in idem – Artikolu 55(1)(b) – Eċċezzjoni applikazzjoni tal-prinċipju ne bis in idem – Reat kontra s-sigurtà jew interessi oħra essenzjali tal-Istat Membru – Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Prinċipju ta' ne bis in idem – Artikolu 52(1) – Limitazzjonijiet għall-prinċipju ta' ne bis in idem – Kompatibbiltà ta' dikjarazzjoni nazzjonali li tipprevedi eċċezzjoni għall-prinċipju ta' ne bis in idem – Organizzazzjoni kriminali – Reati kontra l-patrimonju)***

(2023/C 173/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Bamberg

**Parti fil-proċedura kriminali prinċipali**

MR

*fil-preżenza ta':* Generalstaatsanwaltschaft Bamberg

**Dispożittiv**

1) l-eżami tal-ewwel domanda ma żvela ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 55(1)(b) tal-tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, iffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 u li daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Marzu 1995, fid-dawl tal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2) L-Artikolu 55(1)(b) tal-tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, moqri flimkien mal-Artikolu 50 u mal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jippreklud ix l-interpretazzjoni mill-qrati ta' Stat Membru tad-dikjarazzjoni magħmula minn dan tal-aħħar skont l-Artikolu 55(1) ta' din il-konvenzjoni li abbażi tagħha dan l-Istat Membru ma huwiex marbut bid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 54 tal-imsemmija konvenzjoni, sa fejn jirrigwarda r-reat ta' formazzjoni ta' organizzazzjoni kriminali, fejn l-organizzazzjoni kriminali li fiha pparteċipat il-persuna mħarrka tkun wettqet esklussivament reati kontra l-patrimonju, sakemm tali prosekuzzjoni tkun immirata, inkunsiderazzjoni tal-azzjonijiet ta' dik l-organizzazzjoni, biex tissanzjona theddida għas-sigurtà jew għal interessi oħra li huma essenzjali wkoll tal-imsemmi Stat Membru.

[1] ĠU C 320, 09.08.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-23 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunalul Satu Mare – ir-Rumanija) – Dual Prod SRL vs Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca – Comisia regională pentru autorizarea operatorilor de produse supuse accizelor armonizate**

**(Kawża C-412/21 [1], Dual Prod)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Dazji tas-sisa – Direttiva 2008/118/KE – Artikolu 16(1) – Awtorizzazzjoni biex wieħed jopera bħala maħżen tat-taxxa ta' prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa – Miżuri ta' sospensjoni suċċessivi – Natura kriminali – Artikoli 48 u 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza – Prinċipju ta' ne bis in idem – Proporzjonalità)***

(2023/C 173/05)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunalul Satu Mare

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Dual Prod SRL

*Konvenut:* Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca – Comisia regională pentru autorizarea operatorilor de produse supuse accizelor armonizate

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 48(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li awtorizzazzjoni sabiex wieħed jopera bħala maħżen tat-taxxa ta' prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa tista' tiġi sospiża amministrattivament, sakemm tintemm proċedura kriminali, għas-sempliċi raġuni li d-detentur ta' din l-awtorizzazzjoni jkun ġie akkużat formalment fil-kuntest ta' din il-proċedura kriminali, jekk din is-sospensjoni tikkostitwixxi sanzjoni ta' natura kriminali.

2) L-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippreklud ix li sanzjoni ta' natura kriminali, minħabba ksur tal-leġiżlazzjoni li tirregola l-prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa, tiġi imposta fuq persuna ġuridika li tkun diġà kienet is-suġġett, għall-istess fatti, ta' sanzjoni ta' natura kriminali li tkun saret definittiva sakemm:

— il-possibbiltà li dawn iż-żewġ sanzjonijiet jiġu akkumulati tkun prevista mil-liġi;

— il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tippermettix li jitressqu proċeduri u li jiġu ssanzjonati l-istess fatti abbażi tal-istess reat jew sabiex jiġi segwit l-istess għan, iżda tipprevedi biss il-possibbiltà ta' kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet abbażi ta' leġiżlazzjonijiet differenti;

— dawn il-proċeduri u dawn is-sanzjonijiet jkollhom għanijiet komplementari li għandhom bħala skop, skont il-każ, aspetti differenti tal-istess aġir illegali kkonċernat;

— jeżistu regoli ċari u preċiżi li jippermettu li jiġi previst liema atti u ommissjonijiet jistgħu jkunu s-suġġett ta' kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet kif ukoll il-koordinazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet, li ż-żewġ proċeduri jkunu tmexxewx b'mod suffiċjentement ikkoordinat u qrib fiż-żmien u li s-sanzjoni imposta, skont il-każ, mal-ewwel proċedura fuq il-livell kronoloġiku tkun ittieħdet inkunsiderazzjoni matul l-evalwazzjoni tat-tieni sanzjoni, b'tali mod li l-piżijiet li jirriżultaw, għall-persuni kkonċernati, minn tali kumulu jkunu limitati għal dak li huwa strettament neċessarju u li s-sanzjonijiet kollha imposti jikkorrispondu għall-gravità tar-reati mwettqa.

(1) ĠU C 401, 4.10.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-23 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Court of Appeal – l-Irlanda) – L-eżekuzzjoni ta' żewġ mandati ta' arrest Ewropew maħruġa fil-konfront ta' LU (C-514/21), PH (C-515/21)**

**(Kawżi Magħquda C-514/21 u C-515/21 (1), Minister for Justice and Equality (Tneħħija tas-sospensjoni) *et*)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri – Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni – Raġunijiet ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva – Artikolu 4a(1) – Mandat maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà – Kunċett ta' "proċess li rriżulta fid-deċiżjoni" – Portata – L-ewwel kundanna sospiża – It-tieni kundanna – Assenza tal-persuna kkonċernata fil-kawża – Revoka tas-sospensjoni – Drittijiet tad-difiża – Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali – Artikolu 6 – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 47 u 48 – Ksur – Konsegwenzi)***

(2023/C 173/06)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Court of Appeal

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

LU (C-514/21), PH (C-515/21)

*fil-preżenza ta':* Minister for Justice and Equality

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendat bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 u tal-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   meta s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija tiġi rrevokata, minħabba kundanna kriminali ġdida, u meta jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' din il-piena, din il-kundanna kriminali, mogħtija fil-kontumaċja, tikkostitwixxi "deċiżjoni", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Dan ma huwiex il-każ tad-deċiżjoni li tirrevoka s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-piena msemmija.

2) L-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI, kif emendat bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299,

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   jawtorizza lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni biex tirrifjuta li tikkonsenja lill-Istat Membru emittenti lill-persuna rikjesta, meta jidher li l-proċedura li wasslet għat-tieni kundanna kriminali ta' din il-persuna, determinanti għall-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew, seħħet fil-kontumaċja ħlief jekk il-mandat ta' arrest Ewropew jinkludi, fir-rigward ta' din il-proċedura, waħda mill-indikazzjonijiet previsti f'din id-dispożizzjoni (a) sa (d).

3) Id-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 u tal-Artikolu 48(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

għandha tiġi interpretata fis-sens li:

tipprekludi li l-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni tirrifjuta li tikkonsenja lill-Istat Membru emittenti lill-persuna rikjesta, għar-raġuni li l-proċedura li wasslet għar-revoka tas-sospensjoni li takkumpanja l-piena li ċċaħħad il-libertà li għall-eżekuzzjoni tagħha nħareġ il-mandat ta’ arrest Ewropew twettqet fil-kontumaċja, jew tissuġġetta l-konsenja ta’ din il-persuna għall-garanzija li din tkun tista’ tibbenefika, f’dan l-Istat Membru, minn sentenza jew minn proċedura ta’ appell ġdida li tippermetti l-eżaminazzjoni mill-ġdid ta’ tali deċiżjoni ta’ ċaħda jew tat-tieni kundanna kriminali li ġiet imposta fuqha fil-kontumaċja u li tirriżulta li hija determinanti għall-ħruġ ta’ dan il-mandat.

(1) ĠU C 119, 14.3.2022.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-23 ta’ Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Nejvyšší soud. – ir-Repubblika Ċeka) – QT vs 02 Czech Republic a. s.**

**(Kawża C-574/21, 02 Czech Republic)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Aġenti kummerċjali indipendenti – Direttiva 86/653/KEE – Artikolu 17(2)(a) – Terminazzjoni tal-kuntratt ta’ aġenzija – Dritt tal-aġent kummerċjali għal kumpens – Kundizzjonijiet għall-għoti – Kumpens ekwu – Evalwazzjoni – Kunċett ta’ “kummissjonijiet li l-aġent kummerċjali jitlef” – Kummissjonijiet fuq tranżazzjonijiet futuri – Klijenti ġodda li l-aġent kummerċjali ġab – Klijenti eżistenti li magħhom l-aġent kummerċjali jkun żviluppa n-negozju b’mod sinjifikattiv – Kummissjonijiet ta’ darba)***

(2023/C 173/07)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší soud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* QT

*Konvenut:* 02 Czech Republic a. s.

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 17(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 86/653/KEE tat-18 ta’ Diċembru 1986 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membru li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   il-kummissjonijiet li l-aġent kummerċjali kien jirċievi fil-każ tat-tkomplija ipotetika tal-kuntratt ta’ aġenzija, abbażi tat-tranżazzjonijiet li kienu ġew konklużi, wara t-terminazzjoni ta’ dan il-kuntratt ta’ aġenzija, mal-klijenti l-ġodda li huwa jkun ġab lill-prinċipal qabel din it-terminazzjoni jew mal-klijenti li magħhom huwa kien żviluppa n-negozju b’mod sinjifikattiv qabel l-imsemmija terminazzjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-kumpens previst fl-Artikolu 17(2) ta’ din id-direttiva.

2) L-Artikolu 17(2)(a) tad-Direttiva 86/653

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   il-ħlas ta’ kummissjonijiet ta’ darba ma jeskludix mill-kalkolu tal-kumpens, previst f’dan l-Artikolu 17(2), il-kummissjonijiet li l-aġent kummerċjali jitlef u li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet imwettqa mill-prinċipal, wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta’ aġenzija kummerċjali, mal-klijenti l-ġodda li huwa jkun ġab lill-prinċipal qabel din it-terminazzjoni jew mal-klijenti li magħhom huwa kien żviluppa n-negozju b’mod sinjifikattiv qabel l-imsemmija terminazzjoni, meta dawn il-kummissjonijiet jikkorrispondu għal remunerazzjonijiet fil-forma ta’ somma f’daqqa skont kull kuntratt ġdid konkluż ma’ dawn il-klijenti l-ġodda jew ma’ klijenti eżistenti tal-prinċipal, permezz tal-aġent kummerċjali.

(1) ĠU C 481, 29.11.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-23 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Franza) – Synidcat Uniclima vs Ministre de l'Intérieur**

**(Kawża C-653/21 [1], Syndicat Uniclima)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq intern – Armonizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali dwar il-makkinarji, it-tagħmir elettriku taħt voltaġġ u apparat ta' pressjoni – Direttiva 2006/42/KE – Direttiva 2014/35/UE – Direttiva 2014/68/UE – "Marka CE" – Impożizzjoni, permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, ta' rekwiżiti supplimentari għar-rekwiżiti ta' sigurtà essenzjali previsti minn dawn id-direttivi – Kundizzjonijiet – Leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tas-sigurtà kontra r-riskji ta' nirien u ta' paniku fl-istabbilimenti li jilqgħu l-pubbliku)***

(2023/C 173/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Synidcat Uniclima

*Konvenut:* Ministre de l'Intérieur

**Dispożittiv**

L-Artikolu 3(2), moqri flimkien mal-punt 31 tal-Artikolu 2 kif ukoll mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, sabiex tipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni fir-rigward tar-riskji ta' nirien f'postijiet miftuħa għall-pubbliku, timponi fuq l-apparati ta' pressjoni u fuq l-assemblaġġi li jużaw refriġeranti infjammabbli rekwiżiti li ma jinsabux fost ir-rekwiżiti essenzjali ta' sigurtà previsti minn din id-direttiva, għall-finijiet tat-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq jew tat-tħaddim ta' dawn l-apparati u assemblaġġi, minkejja l-fatt li dawn ikollhom il-marka CE.

[1] ĠU C 37, 24.1.2022

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tat-23 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Korkein hallinto-oikeus – il-Finlandja) – Booky.fi Oy**

**(Kawża C-662/21 [1], Booky.fi)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikoli 34 u 36 TFUE – Moviment liberu tal-merkanzija – Miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva – Reġistrazzjonijiet ta' programmi awdjoviżivi – Bejgħ online – Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi klassifikazzjoni ta' età u ttikkettjar tal-programmi – Protezzjoni tal-minuri – Reġistrazzjonijiet li diġà kienet is-suġġett ta' klassifikazzjoni u ta' ttikkettjar fi Stat Membru ieħor – Proporzjonalità)***

(2023/C 173/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Korkein hallinto-oikeus

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Booky.fi Oy

*Fil-preżena ta':* Kansallinen audiovisuaalinen instituutti (KAVI)

**Dispożittiv**

L-Artikoli 34 u 36 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li, bil-għan tal-protezzjoni tal-minuri kontra l-kontenuti awdjoviżivi li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-benesseri tagħhom u għall-iżvilupp tagħhom, teżiġi li l-programmi awdjoviżivi rreġistrati fuq tagħmir fiżiku u kkummerċjalizzati permezz ta' ħanut online jkunu, minn qabel, is-suġġett ta' proċedura ta' kontroll kif ukoll ta' klassifikazzjoni, skont il-limiti ta' età, u ta' ttikkettjar korrispondenti konformement mad-dritt ta' dan l-Istat Membru, u dan anki meta dawn il-programmi diġà kienu s-suġġett ta'proċedura kif ukoll ta' klassifikazzjoni u ta' ttikkettjar analogi b'applikazzjoni tad-dritt ta' Stat Membru ieħor, dejjem sakemm din il-leġiżlazzjoni tkun xierqa sabiex tiggarantixxi l-ilħuq ta' dan il-għan u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq.

F'dan ir-rigward, iċ-ċirkustanza li parti mir-reġistrazzjonijiet li jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fl-Istat membru kkonċernat minn Stat Membru ieħor hija eskluża mill kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija leġiżlazzjoni ma hijiex ta' importanza determinanti, bil-kundizzjoni li tali limitazzjoni ma tikkompromettix l-ilħuq tal-għan imfittex. Lanqas ma huwa ta' natura determinanti l-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tipprevedix deroga minn dan ir-rekwiżit meta jista' jiġi stabbilit li x-xerrej ta' reġistrazzjoni koperta minn din il-leġiżlazzjoni huwa maġġorenni.

---

([1]) ĠU C 24, 17.01.2022.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (id-Disa' Awla) tas-7 ta' Marzu 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bundesverwaltungsgericht (Innsbruck) – l-Awstrija – Willy Hermann Service GmbH, DI vs Präsidentin des Landesgerichts Feldkirch**

**(Kawża C-561/22 ([1]), Willy Hermann Service)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Direttiva 2013/34/UE – Artikoli 30 u 51 – Pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji – Sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' pubblikazzjoni – Impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità minn qorti ċivili – Proċedura amministrattiva għall-irkupru tal-pagamenti ta' penali msemmija, li saru definittivi – Regolamenti li jeskludu l-eżami mill-ġdid tal-imsemmija pagamenti ta' penali minn qorti amministrattiva – Awtorità ta' res judicata – Prinċipju ta' effettività – Proporzjonalità)***

(2023/C 173/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht (Innsbruck)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Willy Hermann Service GmbH, DI

*Konvenut:* Präsidentin des Landesgerichts Feldkirch

**Dispożittiv**

Id-dritt tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li qorti amministrattiva, li tiddeċiedi dwar l-irkupru ta' pagamenti ta' penali imposti fuq kumpannija u l-amministratur tagħha minħabba nuqqas ta' pubblikazzjoni tal-kontijiet annwali, hija marbuta bid-deċiżjoni tal-qorti ċivili, li tkun saret finali, wara li tkun imponiet dawn il-pagamenti ta' penali perijodiċi u li tkun iffissat l-ammont tagħhom sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 30 u 51 tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE, kif trasposti fid-dritt intern.

---

([1]) Data tal-preżentata: 24.08.2022

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie (il-Polonja) fil-5 ta' Frar 2022 – QI vs Santander Bank Polska S.A.**

**(Kawża C-76/22)**

(2023/C 173/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* QI

*Konvenut:* Santander Bank Polska S.A..

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 25(1) tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ([1]) għandu jiġi interpretat bl-istess mod bħall-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE ([2]), jiġifieri din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li d-dritt tal-konsumatur għat-tnaqqis tal-ispiża totali tal-kreditu ipotekarju fil-każ ta' rimbors antiċipat tal-kreditu ipotekarju jinkludi l-ispejjeż kollha li jkunu ġew imposti fuq il-konsumatur, inkluża wkoll il-kummissjoni għall-għoti tal-kreditu?

2) L-obbligu ta' tnaqqis tal-ispiża totali tal-kreditu ipotekarju fil-każ ta' rimbors antiċipat tal-kreditu ipotekarju previst fl-Artikolu 25(1) tad-Direttiva 2014/17 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ispiża totali tal-kreditu ipotekarju għandha titnaqqas b'mod proporzjonali għar-relazzjoni tat-tul tat-terminu bejn il-ġurnata ta' rimbors antiċipat tal-kreditu u l-ġurnata oriġinarjament miftiehma bħala ġurnata ta' rimbors tal-kreditu mat-tul tat-terminu oriġinarjament miftiehem bejn il-ġurnata għar-rimbors tal-kreditu u l-ġurnata għar-rimbors totali tal-kreditu, jew inkella t-tnaqqis tal-ispiża totali tal-kreditu ipotekarju għandu jkun proporzjonali għat-telf ta' benefiċċji mistennija mill-kreditur, jiġifieri għar-relazzjoni tal-interessi li kien għad fadal li jitħallsu wara r-rimbors antiċipat tal-kreditu (dovut għat-terminu mill-ġurnata wara r-rimbors totali effettiv sal-ġurnata oriġinarjament miftiehma għar-rimbors totali) mal-interessi dovuti għat-terminu kollu tat-tul tal-kuntratt ta' kreditu oriġinarjament miftiehem (mill-ġurnata ta' ħlas tal-kreditu għall-ġurnata miftiehma għar-rimbors totali tal-kreditu)?

([1]) ĠU 2014, L 60, p. 34, u r-rettifika fil-ĠU 2015, L 246, p. 11.
([2]) ĠU 2008, L 133, p. 66, u r-rettifiki fil-ĠU 2009, L 207, p. 14, ĠU 2010, L 119, p. 40, ĠU 2011, L 234, p. 46.

---

**Appell ippreżentat fit-18 ta' Awwissu 2022 minn Asociación de Delineantes de Hacienda mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fit-13 ta' Lulju 2022 fil-Kawża T-280/22, Asociación de Delineantes de Hacienda vs Spanja**

**(Kawża C-552/22 P)**

(2023/C 173/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Appellant:* Asociación de Delineantes de Hacienda (rappreżentant: D. Álvarez Cabrera, abogado)

*Parti oħra fil-proċedura:* Ir-Renju ta' Spanja

Permezz ta' digriet tas-17 ta' Marzu 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ċaħdet l-appell bħala manifestament infondat u kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż tagħha.

---

**Appell ippreżentat fis-16 ta’ Settembru 2022 minn Hijos de Moisés Rodríguez González, SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla Estiża) fid-29 ta’ Ġunju 2022 fil-Kawża T-306/20 – Hijos de Moisés Rodríguez González vs EUIPO – L-Irlanda u Ornua (La Irlandesa 1943)**

**(Kawża C-605/22 P)**

(2023/C 173/13)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Hijos de Moisés Rodríguez González, SA (rappreżentant: J. García Domínguez, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda u Ornua Co-operative Ltd

Permezz ta’ digriet tat-8 ta’ Marzu 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma kienx ammess u li Hijos de Moisés Rodríguez González għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.

**Appell ippreżentat fit-28 ta’ Novembru 2022 minn G-Core Innovations Sàrl mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-28 ta’ Settembru 2022 fil-Kawża T-454/21, G-Core Innovations vs EUIPO – Coretransform (G CORELABS)**

**(Kawża C-732/22 P)**

(2023/C 173/14)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* G-Core Innovations Sàrl (rappreżentant: L. Axel Karnøe Søndergaard, advokat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Coretransform

B’digriet tat-23 ta’ Marzu 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (l-Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) ddeċidiet li l-appell ma setax jitkompla u li G-Core Innovations Sàrl għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

**Appell ippreżentat fid-29 ta’ Novembru 2022 minn Primagran sp. z o.o. mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa’ Awla) fit-22 ta’ Settembru 2022 fil-Kawża T-624/21, Primagran vs EUIPO – Primagaz (prımagran)**

**(Kawża C-735/22 P)**

(2023/C 173/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Primagran sp. z o.o. (rappreżentant E. Jaroszyńska-Kozłowska, radca prawny)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Compagnie des gaz de pétrole Primagaz

Permezz ta’ digriet tal-24 ta’ Marzu 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma għandux jiġi ammess u li Primagran sp. z o.o għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fl-20 ta' Diċembru 2022 – M.S.G. *et* vs Banco Santander, SA**

**(Kawża C-775/22, Banco Santander)**

(2023/C 173/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* M.S.G. *et*

*Konvenut:* Banco Santander, SA

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34(1)(a) u (b), flimkien ma' dawk tal-Artikolu 53(1) u (3), tal-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 60(2) u tal-Artikolu 64(4)(b) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li, wara l-konverżjoni f'ishma u t-trasferiment sussegwenti tagħhom, mingħajr korrispettiv effettiv, tad-dejn subordinat (strumenti kapitali tal-kategorija 2) maħruġ minn istituzzjoni ta' kreditu suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni u mhux dovut meta ġiet adottata l-proċedura ta' riżoluzzjoni, il-persuni li akkwistaw dan id-dejn subordinat qabel il-ftuħ ta' tali proċedura ta' riżoluzzjoni jeżerċitaw, fil-konfront ta' dik l-istituzzjoni jew tal-entità suċċessur tagħha, azzjoni intiża għan-nullità tal-kuntratt ta' sottoskrizzjoni għal dan id-dejn subordinat, billi jitolbu l-ħlas lura tal-prezz imħallas għas-sottoskrizzjoni għad-dejn subordinat, miżjud bl-interessi akkumulati mid-data tal-konklużjoni tal-imsemmi kuntratt?

(1) ĠU 2014, L 173, p. 190.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-22 ta' Diċembru 2022 – M.C.S. vs Banco Santander, SA**

**(Kawża C-779/22, Banco Santander)**

(2023/C 173/17)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* M.C.S.

*Konvenut:* Banco Santander, SA

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34(1)(a) u (b), moqrija flimkien ma' dawk tal-Artikolu 53(1) u (3) u tal-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 60(2) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kreditu jew id-dritt eventwali li jirriżulta minn kundanna tal-istituzzjoni li ssuċċediet lil Banco Popular bħala konsegwenza tan-nullità tal-akkwist ta' strument kapitali (ishma privileġġjati), li ġie kkonvertit f'ishma qabel ma ġew adottati l-miżuri ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular (7 ta' Ġunju 2017), jista' jitqies bħala passiv kopert mill-previżjoni ta' amortizzament tal-Artikolu 53(3) tad-Direttiva 2014/59, bħala obbligi jew talbiet "li mhumiex dovuti", b'tali mod li dan id-dritt jew dan il-kreditu jkun skarikat u ma jkunx opponibbli kontra Banco Santander bħala suċċessur ta' Banco Popular, meta r-rikors li minnu jirriżulta dan l-obbligu jkun ġie ppreżentat wara t-tmiem tal-proċedura ta' riżoluzzjoni tal-bank?

Jew, għall-kuntrarju, l-imsemmija dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kreditu jew id-dritt iċċitat jikkostitwixxi obbligi "dovuti" (Artikolu 53(3) tad-direttiva) jew "obbligazzjoni diġà dovuta" fil-mument tar-riżoluzzjoni tal-bank (Artikolu 60(2)(b)), u, bħala tali, eskluż mill-effetti tal-iskarikar jew tal-kanċellazzjoni ta' dawn l-obbligi jew talbiet, anki jekk l-ishma jkunu ġew iddeprezzati u annullati, u, konsegwentement, ikun jista' jiġi infurzat kontra Banco Santander bħala suċċessur ta' Banco Popular, inkluż meta r-rikors li minnu tirriżulta din il-kundanna għal kumpens ikun ġie ppreżentat wara t-tmiem tal-proċedura ta' riżoluzzjoni tal-bank?

[1] ĠU 2014, L 173, p. 190.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-23 ta' Diċembru 2022 – FSC vs Banco Santander SA**

**(Kawża C-794/22, Banco Santander)**

(2023/C 173/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* FSC

*Konvenut:* Banco Santander SA

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34(1)(a) u (b), moqrija flimkien ma' dawk tal-Artikolu 53(1) u (3) [u] ma' dawk tal-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 60(2) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kreditu jew id-dritt eventwali li jirriżulta mill-kundanna għal kumpens imposta fuq l-istituzzjoni li ssuċċediet lil Banco Popular bħala konsegwenza ta' azzjoni għad-danni dderivata mill-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott finanzjarju (dejn subordinat konvertibbli b'mod obbligatorju f'ishma tal-istess bank), mhux inkluż fost l-istrumenti ta' kapital addizzjonali li għalihom jagħmlu riferiment il-miżuri ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular, li ġew ikkonvertiti f'ishma tal-bank qabel ma ġew adottati l-miżuri ta' riżoluzzjoni tal-bank (7 ta' Ġunju 2017), jista' jitqies bħala passiv kopert mill-previżjoni ta' amortizzament jew tmiem tal-Artikolu 53(3) tad-Direttiva 2014/59, bħala obbligi jew talbiet "li mhumiex dovuti", b'tali mod li dan id-dritt jew dan il-kreditu jkun skarikat u ma jkunx opponibbli kontra Banco Santander bħala suċċessur ta' Banco Popular, meta r-rikors li minnu tirriżulta din il-kundanna għal kumpens ikun ġie ppreżentat wara t-tmiem tal-proċedura ta' riżoluzzjoni tal-bank?

Jew, għall-kuntrarju, l-imsemmija dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kreditu jew id-dritt iċċitat jikkostitwixxi obbligi jew talbiet "dovuti" – Artikolu 53(3) tad-Direttiva – jew "obbligazzjoni diġà dovuta" fil-mument tar-riżoluzzjoni tal-bank – Artikolu 60(2)(b) – u, bħala tali, eskluż mill-effetti tal-iskarikar jew tal-kanċellazzjoni ta' dawn l-obbligi jew talbiet u, konsegwentement, ikun jista' jiġi infurzat kontra Banco Santander bħala suċċessur ta' Banco Popular, inkluż meta r-rikors li minnu tirriżulta din il-kundanna għal kumpens ikun ġie ppreżentat wara t-tmiem tal-proċedura ta' riżoluzzjoni tal-bank?

(1) ĠU 2014, L 173, p. 190.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Okresný súd Bratislava III (is-Slovakkja) fl-24 ta' Jannar 2023 – NFŠ a.s. vs Slovenská republika, li qiegħda taġixxi permezz tal-Ministerstvo školstva, vedy, výskumu a športu Slovenskej republiky, u Ministerstvo školstva, vedy, výskumu a športu Slovenskej republiky**

**(Kawża C-28/23, NFŠ)**

(2023/C 173/19)

*Lingwa tal-kawża: is-Slovakk*

**Qorti tar-rinviju**

Okresný súd Bratislava III

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* NFŠ a.s.

*Konvenuti:* Slovenská republika, li qiegħda taġixxi permezz tal-Ministerstvo školstva, vedy, výskumu a športu Slovenskej republiky, and Ministerstvo školstva, vedy, výskumu a športu Slovenskej republiky

**Domandi preliminari**

1) Kuntratt ta' sussidju u wegħda ta' xiri konklużi bejn ministeru (l-Istat) u entità rregolata mid-dritt privat magħżula b'mod mhux kompetittiv, jikkostitwixxu "kuntratt pubbliku għal xogħlijiet" fis-sens tal-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva 2004/18 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (1) jew tal-Artikolu 2(6)(c) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (2), sa fejn il-kuntratt ta' sussidju huwa għajnuna mill-Istat approvata mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE, l-obbligi inklużi fil-kuntratt ta' sussidju jinkludu obbligu fuq l-Istat li jagħti s-sussidju kif ukoll obbligu fuq l-entità rregolata mid-dritt privat li tibni binja konformement mal-kundizzjonijiet speċifikati mill-ministeru u li tippermetti lil organizzazzjoni sportiva tuża parti minnha, u l-obbligi inklużi fil-wegħda ta' xiri jinkludu għażla unilaterali favur l-entità rregolata mid-dritt privat li tikkorrispondi għal obbligu għall-Istat li jixtri l-binja mibnija, kont meħud tal-fatt li dawn il-kuntratti jikkostitwixxu qafas ta' obbligi reċiproki bejn il-ministeru u l-entità rregolata mid-dritt privat, li jippreżentaw rabta materjali u temporali?

2) L-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva 2004/18 jew l-Artikolu 2(6)(c) tad-Direttiva 2014/24 jipprekludu leġiżlazzjoni tad-dritt nazzjonali ta' Stat Membru skont liema att ġuridiku li, permezz tal-kontenut tiegħu jew tal-għan tiegħu, jikser il-liġi jew jevitaha jew huwa kuntrarju għall-prinċipji aċċettati tal-moralità huwa null b'mod assolut (jiġifieri huwa null *ab initio / ex tunc*) jekk dan il-ksur tal-liġi jikkonsisti fi ksur gravi tar-regoli fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi?

3) L-Artikolu 2d(1)(a) u l-Artikolu 2d(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (3), jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru skont liema att ġuridiku li, permezz tal-kontenut tiegħu jew tal-għan tiegħu, jikser il-liġi jew jevitaha jew huwa kuntrarju għall-prinċipji aċċettati tal-moralità huwa null b'mod assolut (jiġifieri huwa null *ab initio / ex tunc*) meta dan il-ksur tal-liġi jikkonsisti fi ksur gravi (evażjoni) tar-regoli fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, bħal fit-tilwima fil-kawża prinċipali?

4) L-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva 2004/18 jew l-Artikolu 2(6)(c) tad-Direttiva 2014/24 għandhom jiġu interpretati bħala li jipprekludu r-rikonoxximent *ex tunc* ta' effetti legali ta' wegħda ta' xiri bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali?

---

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132.
([2]) ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68.
([3]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 246, rettifika fil-ĠU 2016, L 63, p. 44.

---

## Appell ippreżentat fis-26 ta' Jannar 2023 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla Estiża) fis-16 ta' Novembru 2022 fil-Kawża T-469/20, Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni

**(Kawża C-40/23 P)**

(2023/C 173/20)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Partijiet

*Appellant:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky, H. van Vliet, I. Georgiopoulos, rappreżentanti)

*Parti oħra fil-proċedura:* Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi

### Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla Estiża) tas-16 ta' Novembru 2022 fil-Kawża T-469/20, Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni;

— tiċħad ir-raba' u l-ħames motiv fil-Kawża T-469/20;

— tuża s-setgħa tagħha skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 61(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex tiddeċiedi l-kawża hija stess u tiddikjara r-rikors infondat fl-intier tiegħu, u

— tikkundanna lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-ispejjeż.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tinvoka aggravju wieħed, magħmul minn żewġ partijiet.

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ikkontestata fl-ewwel istanza ([1]), (iktar 'il quddiem id-"id-deċiżjoni") iddikjarat miżura bħala kompatibbli mas-suq intern, mingħajr ma ħadet deċiżjoni finali dwar jekk din il-miżura kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

L-ewwel parti tallega li l-Qorti Ġenerali żbaljat fil-liġi meta qieset li l-Kummissjoni tista' toħroġ deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijet fis-sens tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament 2015/1589 ([2]) jekk l-ewwel tiddeċiedi dwar jekk il-miżura investigata tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni ssostni li d-diversi metodi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea ma jsostnux din il-konklużjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ssostni li s-sentenza appellata tmur kontra l-għan tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jiġi ċċarat b'ħeffa jekk miżuri jkunux kompatibbli mas-suq intern. Fil-fatt, jekk is-sentenza tiġi kkonfermata, dan jista' jwassal sabiex il-Kummissjoni tkun imġiegħla twettaq investigazzjonijiet li jieħdu ż-żmien u li ma humiex neċessarji dwar jekk miżura speċifika tkoprix l-elementi kollha tal-Artikolu 107(1) TFUE, minkejja l-fatti li hija f'kull każ konvinta li l-miżura hija kompatibbli mas-suq intern.

It-tieni parti ssostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat fil-liġi meta ddeċidiet li d-deċiżjoni tikser il-prinċipju ta' ċertezza legali. Bil-kontra, id-deċiżjoni żiedet iċ-ċertezza legali billi ddikjarat li l-miżura hija kompatibbli mas-suq intern hekk kif il-Kummissjoni waslet għal din il-konklużjoni.

(1) Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 2998 final tat-12 ta' Mejju 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.54537 (2020/NN) – il-Pajjiżi l-Baxxi, Projbizzjoni tal-faħam għall-produzzjoni tal-elettriku fil-Pajjiżi l-Baxxi.

(2) Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-3 ta' Frar 2023 – WY vs Laudamotion GmbH, Ryanair DAC

**(Kawża C-54/23, Laudamotion u Ryanair)**

(2023/C 173/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* WY

*Konvenuti:* Laudamotion GmbH, Ryanair DAC

### Domandi preliminari

1) Dritt għal kumpens għal dewmien ta' titjira ta' mill-inqas tliet sigħat, skont l-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (1), huwa ġeneralment eskluż jekk il-passiġġier, fil-każ ta' riskju ta' dewmien twil, jieħu titjira ta' sostituzzjoni li kien irriżerva huwa stess u għalhekk jilħaq id-destinazzjoni finali tiegħu b'dewmien ta' inqas minn tliet sigħat, jew dritt għal kumpens jista' fi kwalunkwe każ jiġi previst f'din is-sitwazzjoni jekk, qabel il-mument li fih il-passiġġier għandu jippreżenta ruħu għal check-in, ikunu diġà jeżistu indizji suffiċjenti u ċerti, li sal-wasla lejn id-destinazzjoni finali kien ser ikun hemm dewmien ta' mill-inqas tliet sigħat?

2) Fl-ipoteżi fejn ir-risposta għall-ewwel domanda hija fis-sens ta' dik tal-aħħar: id-dritt għal kumpens minħabba dewmien tat-titjira ta' mill-inqas tliet sigħat skont l-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament Nru 261/2004 jippreżupponi, fis-sitwazzjoni msemmija iktar 'il fuq, li l-passiġġier jippreżenta ruħu fil-ħin għal check-in konformement mal-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší správní soud (ir-Repubblika Ċeka) fit-2 ta' Frar 2023 – JH vs Policejní prezidium

**(Kawża C-57/23, Policejní prezidium)**

(2023/C 173/22)

*Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek*

### Qorti tar-rinviju

Nejvyšší správní soud

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* JH

*Konvenut:* Policejní prezidium

**Domandi preliminari**

1) X'livell ta' distinzjoni bejn id-diversi suġġetti tad-data jirrikjedi l-Artikolu 4(1)(c) jew l-Artikolu 6 moqri flimkien mal-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI ([1])? Leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-ġbir ta' data ġenetika tal-persuni kollha ssuspettati jew suġġetti għal prosekuzzjoni għat-twettiq ta' reat kriminali intenzjonali, hija kompatibbli mar-rekwiżit ta' minimizzazzjoni tal-ipproċessar tad-data personali, kif ukoll mal-obbligu li tiġi stabbilita distinzjoni bejn diversi kategoriji ta' suġġetti tad-data?

2) Huwa konformi mal-Artikolu 4(1)(e) tad-Direttiva 2016/680 il-fatt li, fid-dawl tal-iskop ġenerali ta' prevenzjoni, ta' tfittxija jew ta' skoperta tar-reati kriminali, il-ħtieġa li jibqa' jinżamm il-profil tad-DNA tiġi evalwata mis-servizzi tal-pulizija abbażi tal-ħtiġijiet interni tagħhom, li fil-prattika ta' spiss iwassal sabiex data personali sensittiva tinżamm għal żmien indeterminat fl-assenza ta' kwalunkwe limitu ta' żmien massimu ta' żamma tal-imsemmija data? Fin-negattiv, fid-dawl ta' liema kriterji għandha, jekk ikun il-każ, tiġi evalwata n-natura proporzjonata *ratione temporis* taż-żamma tad-data personali miġbura u miżmuma għal dan l-għan?

3) Fil-każ tad-data personali partikolarment sensittiva li taqa' taħt l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680, liema huma l-kundizzjonijiet sostantivi jew proċedurali minimi għall-kisba, għaż-żamma u għat-tħassir ta' din id-data li għandhom ikunu previsti fid-dritt tal-Istat Membru permezz ta' "dispożizzjoni ta' portata ġenerali"? Il-ġurisprudenza tista' hija wkoll ikollha l-kwalità ta' "liġi tal-Istat Membru" fis-sens tal-Artikolu 8(2), moqri flimkien mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680?

([1]) ĠU 2016, L 119, p. 89, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 6.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Contencioso-Administrativo nº 5 de Barcelona (Spanja) fis-6 ta' Frar 2023 – Pedro Francisco vs Subdelegación del Gobierno en Barcelona**

**(Kawża C-62/23, Pedro Francisco)**

(2023/C 173/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado Contencioso-Administrativo nº 5 de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Pedro Francisco

*Konvenut:* Subdelegación del Gobierno en Barcelona

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 27 tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rekords tal-pulizija jistgħu jservu ta' bażi jew ta' fundament sabiex jiġi evalwat jekk il-kondotta personali tal-persuna kkonċernata tikkostitwixxix theddida reali, meta l-għan tal-proċedura kriminali huwa li jiġi stabbilit jekk din il-kondotta seħħitx jew le?

2) Fil-każ li l-ewwel risposta tingħata risposta fl-affermattiv, għandu jiġi kkunsidrat, fid-dawl tal-Artikolu 27 tad-Direttiva 2004/38, li l-awtorità amministrattiva għandha ssemmi espressament u b'mod dettaljat il-fatti li fuqhom huma bbażati dawn ir-rekords tal-pulizija u l-proċeduri ġudizzjarji li nbdew, kif ukoll l-eżitu tagħhom, sabiex jiġi kkonfermat li ma għandhiex quddiemha biss sempliċi preżunzjonijiet?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Contencioso-Administrativo nº 5 de Barcelona (Spanja) fis-6 ta’ Frar 2023 – Sagrario *et* vs Subdelegación del Gobierno en Barcelona**

**(Kawża C-63/23)**

(2023/C 173/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº 5 de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Sagrario, Joaquín, Prudencio

*Konvenut:* Subdelegación del Gobierno en Barcelona

**Domandi preliminari**

1) L-aħħar parti tal-Artikolu 15(3) u l-Artikolu 17 tad-Direttiva [tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta’ Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja [1]], meta dawn isemmu “ċirkustanzi partikolarment diffiċli”, għandhom awtomatikament jinkludu ċ-ċirkustanzi kollha li fihom huwa kkonċernat minuri u/jew dawk li huma simili għal dawk imsemmija fl-istess Artikolu 15?

2) Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix l-għoti ta’ permess ta’ residenza awtonomu li jiggarantixxi li l-membri tal-familja riunifikati ma jibqgħux f’sitwazzjoni ta’ irregolarità amministrattiva, meta jokkorru dawn iċ-ċirkustanzi partikolarment diffiċli, hija konformi mal-aħħar parti tal-Artikolu 15(3) u mal-Artikolu 17 tad-Direttiva?

3) L-aħħar parti tal-Artikolu 15(3) u l-Artikolu 17 tad-Direttiva jistgħu jiġu interpretati fis-sens li dan id-dritt għal permess awtonomu huwa akkwistat meta l-familja riunifikata tibqa’ mingħajr permess ta’ residenza għal raġunijiet indipendenti mir-rieda tagħha?

4) Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix, qabel ma jiġi rrifjutat it-tiġdid tal-permess ta’ residenza tal-membri tal-familja riunifikati, l-evalwazzjoni neċessarja u obbligatorja taċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 17 tad-Direttiva, hija konformi mal-Artikoli 15(3) u 17 tad-Direttiva?

5) Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix li, qabel ir-rifjut ta’ permess ta’ residenza jew tat-tiġdid tiegħu bħala benefiċjarju tar-riunifikazzjoni tal-familja, ikun hemm proċedura speċifika ta’ smigħ tal-minuri, meta l-isponsor ikun ġie rrifjutat il-permess ta’ residenza jew it-tiġdid tiegħu, hija konformi mal-Artikoli 15(3) u 17 tad-Direttiva kif ukoll mal-Artikoli 6(1), u 8(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u mal-Artikoli 47, 24, 7 u 33(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

6) Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix li, qabel ir-rifjut ta’ permess ta’ residenza jew tat-tiġdid tiegħu bħala konjuġi riunifikat, meta l-isponsor ikun ġie rrifjutat il-permess ta’ residenza jew it-tiġdid tiegħu, ikun hemm proċedura li fil-kuntest tagħha l-persuna kkonċernata tkun tista’ tinvoka ċ-ċirkustanzi previsti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva, sabiex titlob li tingħatalha l-possibbiltà li tkompli r-residenza tagħha mingħajr interruzzjoni fil-konfront tas-sitwazzjoni ta’ residenza preċedenti tagħha, hija konformi mal-Artikoli 15(3) u 17 tad-Direttiva kif ukoll mal-Artikoli 6(1) u 8(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u mal-Artikoli 47, 24, 7 u 33(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

---

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fit-8 ta’ Frar 2023 – MK vs K GmbH**

**(Kawża C-65/23, K GmbH)**

(2023/C 173/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesarbeitsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* MK

*Konvenut:* K GmbH

**Domandi preliminari**

1. Dispożizzjoni legali nazzjonali li tkun ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 88(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 [1] tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (iktar 'il quddiem ir-"RĠPD"), bħalma huwa l-Artikolu 26(4) tal-Bundesdatenschutzgesetz (il-Liġi Federali dwar il-Protezzjoni tad-Data, iktar 'il quddiem il-"BDSG"), u li tipprovdi li l-ipproċessar ta' data personali – li tinkludi kategoriji partikolari ta' data personali – ta' impjegati għall-finijiet tar-relazzjoni ta' impjieg hija permissibbli abbażi ta' ftehimiet kollettivi konformement mal-Artikolu 88(2) tar-RĠPD, għandha tiġi interpretata fis-sens li anki r-rekwiżiti l-oħra tar-RĠPD, bħalma huma dawk previsti fl-Artikolu 5, fl-Artikolu 6(1) u fl-Artikolu 9(1) u (2) tar-RĠPD, għandhom jiġu osservati f'kull każ?

2. Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

   Dispożizzjoni nazzjonali legali adottata abbażi tal-Artikolu 88(1) tar-RĠPD, bħalma huwa l-Artikolu 26(4) tal-BDSG, tista' tiġi interpretata fis-sens li l-partijiet fi ftehim kollettiv (fil-kawża ineżami, il-partijiet fi ftehim ta' impjieg) għandhom marġni ta' manuvra fl-evalwazzjoni tal-ħtieġa ta' pproċessar ta' data fis-sens tal-Artikolu 5, tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 9(1) u (2) tar-RĠPD, li huwa suġġett biss għal stħarriġ ġudizzjarju limitat?

3. Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda:

   F'tali każ, għal xiex għandu jkun limitat l-istħarriġ ġudizzjarju?

4. L-Artikolu 82(1) tar-RĠPD għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna hija intitolata għal kumpens għal dannu morali meta d-data personali tagħha tkun is-suġġett ta' pproċessar li ma josservax ir-rekwiżiti tar-RĠPD jew id-dritt għal kumpens għal dannu morali jeħtieġ li s-suġġett tad-data jistabbilixxi li ġarrab xi tip ta' danni morali?

5. L-Artikolu 82(1) tar-RĠPD huwa ta' natura preventiva speċjali jew ġenerali u għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont tad-dannu morali li għandu jiġi kkumpensat, abbażi tal-Artikolu 82(1) tar-RĠPD, mill-kontrollur jew mill-proċessur?

6. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont tad-dannu morali li għandu jiġi kkumpensat abbażi tal-Artikolu 82(1) tar-RĠPD għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-livell ta' ħtija tal-kontrollur jew tal-proċessur? B'mod partikolari, il-fatt li ma jkunx hemm ħtija jew li jkun hemm livell baxx ta' ħtija min-naħa tal-kontrollur jew tal-proċessar jista' jittieħed inkunsiderazzjoni favur tagħhom?

(1) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (il-Greċja) fis-7 ta' Frar 2023 – Elliniki Ornithologiki Etaireia, Syllogos Diktyo Oikologikon Organoseon Aigaiou, Perivallontikos Syllogos Rethymnou, Politistikos Syllogos Thronos Kleisidiou, KX *et* vs Ypourgos Esoterikon, Ypourgos Oikonomikon, Ypourgos Anaptyxis kai Ependyseon, Ypourgos Perivallontos kai Energeias, Ypourgos Agrotikis Anaptyxis kai Trofimon**

**(Kawża C-66/23)**

(2023/C 173/26)

*Lingwa tal-kawża: Grieg*

**Qorti tar-rinviju**

Symvoulio tis Epikrateias

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Elliniki Ornithologiki Etaireia (Soċjetà Ornitoloġika Ellenika)

Syllogos Diktyo Oikologikon Organoseon Aigaiou (Assoċjazzjoni Network fl-Eġew ta’ Organizzazzjonijiet Ekoloġiċi)

Perivallontikos Syllogos Rethymnou (Assoċjazzjoni għall-Ambjent ta’ Rethymno)

Politistikos Syllogos Thronos Kleisidiou (Assoċjazzjoni Kulturali Thronos Klisidiou)

KX *et*

*Konvenuti:* Ypourgos Esoterikon (Ministru tal-Intern)

Ypourgos Oikonomikon (Ministru tal-Ekonomija)

Ypourgos Anaptyxis kai Ependyseon (Ministru tal-Iżvilupp u tal-Investiment)

Ypourgos Perivallontos kai Energeias (Ministru tal-Ambjent u tal-Enerġija)

Ypourgos Agrotikis Anaptyxis kai Trofimon (Ministru għall-Iżvilupp Agrikolu u għall-Ikel)

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi ([1]), flimkien mad-dispożizzjoni tal-Artikolu 6(2) sa (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta’ Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta’ l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ([2]), għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi dispożizzjonijiet nazzjonali, bħal dawn indikati (fil-motivazzjoni), li jipprevedu li l-miżuri speċjali ta’ protezzjoni, konservazzjoni u ripristinar tal-ispeċi u tal-habitat tal-għasafar selvaġġi fiż-żoni ta’ protezzjoni speċjali (ŻPS) japplikaw biss għall-“ispeċi kklassifikati”, jiġifieri biss għall-ispeċi ta’ għasafar selvaġġi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE u għall-għasafar migratorji regolarment preżenti ġewwa kull waħda miż-ŻPS li, flimkien mal-kriterji għan-nomina taż-ŻPS li jinsabu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, huma użati bħala indikaturi deċiżivi għan-nomina ta’ territorju bħala ŻPS?

2) Għall-finijiet ta’ risposta għad-domanda preċedenti huwa rilevanti l-fatt li l-imsemmija miżuri speċjali ta’ protezzjoni, konservazzjoni u ripristinar tal-ispeċi u tal-habitat tal-għasafar selvaġġi fiż-żoni ta’ protezzjoni speċjali (ŻPS) huma essenzjalment miżuri preventivi bażiċi ta’ protezzjoni (“miżuri ta’ prekawzjoni”) taż-ŻPS, b’applikazzjoni orizzontali, jiġifieri għaż-ŻPS kollha, u li sal-lum ma ġewx adottati, fl-ordinament ġuridiku Grieg, pjanijiet ta’ ġestjoni għal kull ŻPS speċifika, li jiddefinixxu l-għanijiet u l-miżuri neċessarji sabiex tintlaħaq jew tiġi ggarantita l-konservazzjoni sodisfaċenti ta’ kull waħda miż-ŻPS u tal-ispeċi li jgħixu fiha?

3) Għall-finijiet ta’ risposta għaż-żewġ domandi preċedenti huwa rilevanti l-fatt li, abbażi tal-obbligu ta’ stima ambjentali ta’ proġetti u ta’ attività fis-sens tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta’ ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent ([3]) u tal-“evalwazzjoni xierqa” msemmija fl-Artikolu 6(2) sa (4) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-ispeċi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE jew l-għasafar migratorji regolarment preżenti f’kull waħda miż-ŻPS ikunu, fl-ambitu ta’ stima tal-effetti fuq l-ambjent ta’ kull wieħed mill-pjanijiet speċifiċi ta’ xogħlijiet pubbliċi jew privati, meħuda inkunsiderazzjoni kollha?

([1]) GU 2010, L 20, p. 7.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102.
([3]) GU 2012, L 26, p. 1

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administratīvā apgabaltiesa (il-Latvja) fil-15 ta’ Frar 2023 – Biedrība “Latvijas Informācijas un komunikācijas tehnoloģijas asociācija” vs Valsts ieņēmumu dienests**

**(Kawża C-87/23, Latvijas Informācijas un komunikācijas tehnoloģijas asociācija)**

(2023/C 173/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Administratīvā apgabaltiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Biedrība "Latvijas Informācijas un komunikācijas tehnoloģijas asociācija"

*Konvenut:* Valsts ieņēmumu dienests.

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li organizzazzjoni mingħajr skop ta' lukru li l-attività tagħha hija intiża għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' għajnuna mill-Istat iffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għandha titqies bħala persuna taxxabbli li twettaq attività ekonomika?

2) L-Artikolu 28 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li assoċjazzjoni li fir-realtà ma tipprovdix servizz ta' taħriġ għandha xorta waħda tiġi assimilata mal-fornitur tas-servizz meta s-servizzi jinkisbu mingħand operatur ekonomiku ieħor sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' proġett ta' għajnuna mill-Istat iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali?

3) Meta l-fornitur tas-servizz jirċievi biss mingħand id-destinatarju tas-servizz korrispettiv parzjali għas-servizz ipprovdut (30 %) u l-valur residwu tas-servizz jitħallas fil-forma ta' ħlas tal-għajnuna mingħand il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-korrispettiv taxxabbli huwa, skont l-Artikolu 73 tad-Direttiva 2006/112, l-ammont totali li l-fornitur tas-servizz jirċievi kemm mingħand id-destinatarju tas-servizz kif ukoll mingħand terz fil-forma ta' ħlas tal-għajnuna?

([1]) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335 p. 60.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Groß-Gerau (il-Ġermanja) fit-23 ta' Frar 2023 – PU vs SmartSport Reisen GmbH**

**(Kawża C-108/23, SmartSport Reisen)**

(2023/C 173/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Groß-Gerau

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* PU

*Konvenut:* SmartSport Reisen GmbH

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li jirregola mhux biss il-ġurisdizzjoni internazzjonali, iżda jinkludi wkoll regola li tikkonċerna l-ġurisdizzjoni territorjali tal-qrati nazzjonali dwar kuntratti tal-ivvjaġġar, li għandha tiġi osservata mill-qorti adita, meta kemm il-konsumatur bħala vjaġġatur kif ukoll il-parti kontraenti tiegħu bħala l-operatur turistiku, ikollhom is-sede tagħhom fl-istess Stat Membru, filwaqt li d-destinazzjoni tal-vjaġġ ma tkunx f'dan l-Istat Membru, iżda barra mill-pajjiż, bil-konsegwenza li l-konsumatur ikun jista' jinvoka drittijiet kuntrattwali kontra l-operatur turistiku quddiem il-qorti tad-domiċilju tiegħu, flimkien mar-regoli nazzjonali ta' ġurisdizzjoni?

([1]) ĠU 2012, L 351, p. 1.

**Appell ippreżentat fit-22 ta' Frar 2023 mill-Autoridad Portuaria de Bilbao mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fl-14 ta' Diċembru 2022 fil-Kawża T-126/20, Autoridad Portuaria de Bilbao vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-110/23 P)**

(2023/C 173/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Appellant:* Autoridad Portuaria de Bilbao (rappreżentanti: D. Sarmiento Ramírez-Escudero u X. Codina García-Andrade, abogados)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali għar-raġunijiet esposti fit-tliet aggravji u tiddikjara li s-sentenza hija vvizzjata bi żball ta' liġi;

— tiddeċiedi fuq il-mertu tal-kawża, skont l-Artikolu 61 tal-Istatut u l-Artikolu 170 tar-Regoli tal-Proċedura, billi tiddikjara li r-rikors għall-annullament tad-deċiżjonijiet kkontestati quddiem il-Qorti Ġenerali, ippreżentat fl-ewwel istanza mill-Autoridad Portuaria de Bilbao, għandu jintlaqa',

— tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż sostnuti mill-Autoridad Portuaria de Bilbao kemm fil-proċedura fl-ewwel istanza kif ukoll f'din il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-ewwel aggravju:

Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali hija vvizzjata bi żball ta' liġi peress li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 107(1) TFUE billi kkonstatat li l-Exención Fiscal de Bizkaia (l-Eżenzjoni mit-Taxxa ta' Bizkaia) hija vantaġġ mingħajr ma tevalwaha bħala arranġament kumpless.

Insostenn tal-ewwel aggravju, l-appellanti ssostni li l-motivazzjoni invokata mill-Qorti Ġenerali sabiex tikkonkludi li ma teżisti ebda miżura ta' natura kumplessa hija bbażata fuq motivi purament formali li jitbiegħdu mill-evalwazzjoni sostantiva rikjesta tal-ġurisprudenza. tal-Qorti tal-Ġustizzja.

It-tieni aggravju:

Is-sentenza hija vvizzjata bi żball ta' liġi peress li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 107 TFUE tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [1] u l-ġurisprudenza rilevanti, ikkunsidrati flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, l-Artikolu 296 TFUE u l-Artikolu 41 tal-Karta, billi tikkonkludi li l-Kummissjoni ma għandhiex twettaq analiżi sħiħa tad-data disponibbli fejn ikun ċar li hemm benefiċjarju wieħed biss tal-iskema ta' għajnuna.

Insostenn tat-tieni aggravju, l-appellanti ssostni li huwa paċifiku li entità waħda biss tibbenefika mill-Exención Fiscal de Bizkaia taħt il-liġi Spanjola (Autoridad Portuaria de Bilbao). F'dak il-każ, anki jekk il-miżura tista' tiġi kkwalifikata bħala "skema ta' għajnuna" għall-finijiet tar-Regolament 2015/1589, il-Kummissjoni trid twettaq analiżi sħiħa tad-data disponibbli. Dan huwa l-każ skont l-għan oriġinali tal-ġurisprudenza, li tippermetti lill-Kummissjoni li ma twettaqx tali analiżi, interpretata fid-dawl tal-Artikolu 4(3) TUE, l-Artikolu 296 TFUE u l-Artikolu 41 tal-Karta.

It-tielet aggravju:

Is-sentenza hija vvizzjata bi żball ta' liġi peress li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 108 TFUE u r-Regolament 2015/1589, fid-dawl tal-Artikolu 4(3) TUE, billi kkonstatat li, fil-proċeduri ta' kooperazzjoni, l-obbligi tal-Kummissjoni huma inqas estensivi minn fi proċeduri ta' investigazzjoni.

Insostenn tat-tielet aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali tindika fis-sentenza tagħha, mingħajr ebda ġustifikazzjoni, li fi proċedura ta' kooperazzjoni taħt l-Artikolu 21 tar-Regolament 2015/1589, l-Istat Membru għandu inqas garanziji milli fi proċedura ta' investigazzjoni. Fir-rigward ta' dan l-aggravju, l-appellanti ssostni li kemm il-formulazzjoni tal-Artikoli 21 sa 23 tar-Regolament 2015/1589 kif ukoll ir-rabta mill-qrib bejn l-Artikolu 108 TFUE, li minnu tirriżulta l-proċedura ta' kooperazzjoni fir-Regolament 2015/1589, kif ukoll il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali fl-Artikolu 4(3) TUE jfissru li l-Kummissjoni għandha teżamina l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru.

(1) ĠU 2015, L 248, p. 9.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vilniaus apygardos administracinis teismas (il-Litwanja) fit-28 ta' Frar 2023 – Virgilijus Valančius vs Il-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja**

**(Kawża C-119/23, Valančius)**

(2023/C 173/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Qorti tar-rinviju**

Vilniaus apygardos administracinis teismas

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Virgilijus Valančius

*Konvenut:* Il-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 254 TFUE, li jipprovdi li jistgħu jintgħażlu bħala membri tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea persuni "li ma jkunx hemm dubbju dwar l-indipendenza tagħhom u li jkollhom il-kapaċità li jeżerċitaw funzjonijiet għolja fil-ġudikatura", moqri flimkien mal-Artikolu 19(2) TUE, jeżiġi li Stat Membru jagħżel lil kandidat għall-funzjoni ta' mħallef tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea b'mod esklużiv abbażi ta' kriterji professjonali?

2) Prassi nazzjonali, bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża, fejn il-Gvern ta' Stat Membru, responsabbli għall-proposta ta' kandidat għall-funzjonijiet ta' mħallef tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, jaħtar, sabiex jiżgura t-trasparenza tal-għażla ta' dan il-kandidat, grupp ta' evalwazzjoni tal-kandidati kompost minn esperti indipendenti – liema kumitat, abbażi ta' kriterji ta' għażla ċari u stabbiliti bil-quddiem u wara intervista mal-kandidati kollha, jistabbilixxi lista ta' mertu u, kif tipprovdi proċedura stabbilita bil-quddiem, jippreżenta lill-Gvern l-isem tal-kandidat li kiseb l-aħjar evalwazzjoni f'dak li jikkonċerna l-kapaċitajiet u l-kompetenzi professjonali tiegħu –, iżda l-Gvern jipproponi għall-funzjonijiet ta' mħallef tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea mhux lill-kandidat imniżżel l-ewwel fil-lista ta' mertu iżda lil kandidat ieħor, hija kompatibbli mar-rekwiżit li l-imħallef joffri l-garanziji kollha ta' indipendenza kif ukoll mal-kundizzjonijiet l-oħra ta' aċċess għall-funzjonijiet bħala mħallef stabbiliti fl-Artikolu 254 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 19 (2) TFUE, bl-għarfien li l-Imħallef innominat b'mod li jista' jkun illegali jista' jinfluwenza d-deċiżjonijiet li tadotta l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad (il-Bulgarija) fl-1 ta' Marzu 2023 – Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" Sofia pri Tsentralno upravlenie na Natsionalna agentsia za prihodite vs "Legafact" EOOD**

**(Kawża C-122/23, Legfact)**

(2023/C 173/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Varhoven administrativen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" Sofia pri Tsentralno upravlenie na Natsionalna agentsia za prihodite

*Konvenut:* "Legafact" EOOD

**Domandi preliminari**

1. Dispożizzjoni legali nazzjonali li, fil-każ ta' eżenzjoni taħt il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), tittratta b'mod differenti lill-persuni taxxabbli skont il-ħeffa li biha jilħqu l-livell ta' dħul mill-bejgħ meħtieġ għar-reġistrazzjoni obbligatorja għall-finijiet tal-VAT, tmur kontra l-prinċipji tas-sistema komuni tal-VAT tal-Unjoni Ewropea?

2. Id-Direttiva 2006/112 tippermetti dispożizzjoni legali nazzjonali li tipprovdi li n-natura eżentata ta' provvista taħt il-Kapitolu I tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112 tiddependi mit-twettiq fit-terminu previst tal-obbligu tal-fornitur li jippreżenta applikazzjoni għar-reġistrazzjoni obbligatorja għall-finijiet tal-VAT?

3. Abbażi ta' liema kriterji, li jirriżultaw mill-interpretazzjoni tad-Direttiva 2006/112, għandu jiġi evalwat jekk id-dispożizzjoni legali nazzjonali msemmija, li tipprevedi t-tnissil ta' obbligu fiskali fil-każ li l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni obbligatorja għall-finijiet tal-VAT tiġi ppreżentata tard, għandhiex in-natura ta' sanzjoni?

([1]) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-3 ta' Marzu 2023 – Müller Reisen GmbH vs Stadt Olsberg**

**(Kawża C-128/23, Müller Reisen)**

(2023/C 173/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent quddiem il-Vergabekammer Westfalen u quddiem il-qorti tar-rinviju:* Müller Reisen GmbH

*Konvenut quddiem il-Vergabekammer Westfalen u quddiem il-qorti tar-rinviju:* Stadt Olsberg

*Parti oħra fil-kawża:* Tuschen Transporte

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 32(2)(c) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE [1] għandu, fid-dawl tal-Artikolu 14 TFUE, jiġi interpretat b’mod restrittiv fis-sens li kuntratt pubbliku għal servizzi ta’ interess ġenerali jista’, f’każ ta’ urġenza kbira, jingħata skont proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel, anki jekk l-avveniment kien prevedibbli għall-awtorità kontraenti u ċ-ċirkustanzi invokati għall-ġustifikazzjoni tal-urġenza kbira huma attribwibbli lilha?

[1] ĠU 2014, L 94, p. 65.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija**

**(Kawża C-165/23)**

(2023/C 173/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Koleva u C. Hermes, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Repubblika tal-Bulgarija

**Motivi u argumenti prinċipali**

Din il-kawża tikkonċerna n-nuqqas tar-Repubblika tal-Bulgarija li twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13(2) u (5) u taħt l-Artikolu 14(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta’ speċijiet aljeni invażivi [1] (iktar ’il quddiem ir-“Regolament”).

Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament, ir-Repubblika tal-Bulgarija kellha sat-13 ta’ Jannar 2018 sabiex tistabbilixxi sistema għas-sorveljanza ta’ speċi aljeni invażivi li huma sors ta’ tħassib għall-Unjoni jew sabiex tinkludi din is-sistema fis-sistema eżistenti tagħha, liema sistema għandha tiġbor u tirreġistra data dwar l-okkorrenza fl-ambjent ta’ speċi aljeni invażivi permezz ta’ teħid ta’ kampjuni, ta’ monitoraġġ jew ta’ proċeduri oħra bil-għan li jiġi impedit it-tixrid ta’ speċi aljeni invażivi fl-Unjoni. Is-sistema ta’ sorveljanza għandha tissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament.

Skont l-Artikolu 13(2) u (5) tar-Regolament, ir-Repubblika tal-Bulgarija kellha sat-13 ta’ Lulju 2019 sabiex tistabbilixxi u timplimenta pjan ta’ azzjoni uniku jew sett ta’ pjanijiet ta’ azzjoni u sabiex tikkomunika dan il-pjan jew dan is-sett ta’ pjanijiet lill-Kummissjoni.

Ir-Repubblika tal-Bulgarija naqset milli twettaq l-obbligi hawnhekk imsemmija.

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li, billi naqset milli tistabbilixxi (jew billi naqset milli tinkludi fis-sistema eżistenti tagħha) sistema għas-sorveljanza ta’ speċi aljeni invażivi li huma sors ta’ tħassib għall-Unjoni, liema sistema għandha tinkludi l-informazzjoni kollha prevista fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta’ speċijiet aljeni invażivi, ir-Repubblika tal-Bulgarija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 14(1) u (2) tar-Regolament;

— tikkonstata li, billi naqset milli tistabbilixxi u timplimenta pjan ta’ azzjoni uniku jew sett ta’ pjanijiet ta’ azzjoni u billi naqset milli tikkomunika dan il-pjan jew dan is-sett ta’ pjanijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Bulgarija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13(2) u (5) tar-Regolament;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija għall-ispejjeż tal-kawża.

([1]) ĠU 2014, L 317, p. 35.

---

## Rikors ippreżentat fis-17 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika

## (Kawża C-167/23)

(2023/C 173/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

### Partijiet

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouchagiar u C. Hermes)

*Konvenut:* Ir-Repubblika Ellenika

### Talbiet

— tikkonstata li, billi ma adottatx il-miżuri kollha neċessarji sabiex tiġi stabbilita sistema ta' sorveljanza tal-ispeċi aljeni invażivi ta' rilevanza għall-Unjoni kif ukoll sabiex jiġu adottati, implementati u mibgħuta pjanijiet ta' azzjoni sabiex jiġu ttrattati t-toroq prijoritarji f'relazzjoni mal-introduzzjoni u mat-tixrid aċċidentali ta' speċi aljeni invażivi, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 14(1) u (2) tal-Artikolu 13(2) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 ([1]),

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra li r-Repubblika Ellenika għadha ma stabbilitx (u lanqas ma inkorporat fis-sistema eżistenti tagħha) sistema ta' sorveljanza tal-ispeċi aljeni invażivi ta' rilevanza għall-Unjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1142/2014. Fl-assenza ta' sistema ta' sorveljanza, ir-Repubblika Ellenika barra minn hekk ma osservatx ir-rekwiżiti essenzjali li tali sistema ta' sorveljanza għandha tissoddisfa skont l-Artikolu 14(2) tar-regolament inkwistjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea tqis li r-Repubblika Ellenika ma stabbilitx u lanqas ma implimentat pjan ta' azzjoni jew serje ta' pjanijiet ta' azzjoni u li ma bagħtithomx mingħajr dewmien lill-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-Greċja ma kkonformatx mal-Artikolu 13(2) u (5) tal-imsemmi regolament.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-Repubblika Ellenika kisret l-Artikolu 14(1) u (2) u l-Artikolu 13(2) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, kif ukoll it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (GU 2014, L 317, p. 35).

---

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs l-Irlanda

## (Kawża C-172/23)

(2023/C 173/35)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Hermes u E. Sanfrutos Cano, aġenti)

*Konvenut:* L-Irlanda

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— Tikkonstata li l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 13(2) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi ([1]) peress li naqset milli tistabbilixxi u timplimenta pjanijiet ta' azzjoni għad-direzzjonijiet prijoritarji kollha identifikati u li tikkomunikahom lill-Kummissjoni mingħajr dewmien;

— tikkundanna lil l-Irlanda għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Skont l-Artikolu 13(2) u (5) tar-Regolament 1143/2014, l-Irlanda kellha tliet snin mill-adozzjoni tal-lista tal-Unjoni sabiex tistabbilixxi, timplimenta u tikkomunika lill-Kummissjoni pjanijiet ta' azzjoni li jindirizzaw id-direzzjonijiet prijoritarji tal-introduzzjoni u t-tixrid mhux intenzjonali ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament 1143/2014. Il-Kummissjoni kienet adottat il-lista tal-Unjoni indikata fl-Artikolu 13 tar-Regolament 1143/2104 fit-13 ta' Lulju 2016 u għaldaqstant it-terminu ta' tliet snin skada fit-13 ta' Lulju 2019.

L-Irlanda identifikat tliet direzzjonijiet prijoritarji (is-sajd, l-isport nawtiku u t-trasport tal-materjal tal-ħabitat) skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament.

Madankollu, l-Irlanda stabbilixxiet u kkomunikat lill-Kummissjoni pjanijiet ta' azzjoni biss għal żewġ direzzjonijiet prijoritarji, mit-tlieta identifikati.

([1]) ĠU 2014, L 317, p. 35.

---

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika**

**(Kawża C-180/23)**

(2023/C 173/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: D. Triantafyllou u P. Messina, agenti)

*Konvenut:* Ir-Repubblika Ellenika

**Talbiet**

— tikkonstata li, billi ma kkonkludietx u ma ppubblikatx ftehim kuntrattwali bejn l-awtoritajiet Griegi u l-Organismos Sidirodromon Ellados (l-Organizzazzjoni tal-Ferroviji tal-Greċja, OSE), il-ġestjonarju tal-infrastruttura Ellenika, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 30(2) u (6) tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni) ([1]), ikkunsidrat flimkien mal-Anness V tagħha; u

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-Repubblika Ellenika ma kkonkludietx mal-ġestjonarju tal-infrastruttura (l-OSE) il-ftehim previst dwar l-infrastruttura tal-ferroviji li huwa previst fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2012/34. Issa, dan il-ftehim kellu jkun konkluż għas-16 ta' Ġunju 2015 (Artikolu 64 tad-Direttiva) u josserva l-elementi kollha elenkati fl-Anness V.

([1]) ĠU 2012, L 343, p. 32, rettifiki fil-ĠU 2015, L 67, p. 32 u fil-ĠU 2015, L 196, p. 67.

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika ta' Malta**

**(Kawża C-181/23)**

(2023/C 173/37)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Ladenburger, E. Montaguti, J. Tomkin, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Repubblika ta' Malta

**Talbiet**

— tikkonstata li bl-istabbiliment u bl-implimentazzjoni ta' programm istituzzjonalizzat bħall-akkwist tan-nazzjonalità Maltija permezz ta' naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali permezz ta' investiment dirett abbażi tal-Artikolu 10(9) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija kif emendat bl-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Emenda Nru 2), u r-Regolamenti dwar l-għoti ta' ċittadinanza għal servizzi eċċezzjonali, tal-2020, li joffri naturalizzazzjoni fin-nuqqas ta' rabta reali tal-applikanti mal-pajjiż, inkambju għal ħlasijiet jew għal investimenti predeterminati, ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 20 TFUE u l-Artikolu 4(3) TUE;

— tikkundanna lil Ir-Repubblika ta' Malta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Wara emenda għall-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija f'Novembru 2013, Malta introduċiet l-ewwel programm tagħha ta' ċittadinanza permezz ta' investiment fl-2014.

L-iskema tal-2014 ġiet sussegwentement issostitwita fl-2020 mill-programm ta' "Ċittadinanza Maltija permezz ta' Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali b'Investiment Dirett". L-iskema l-ġdida ġiet stabbilita mill-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Emenda Nru 2) u mir-Regolamenti dwar l-għoti ta' ċittadinanza għal servizzi eċċezzjonali, tal-2020.

Il-liġi tal-Unjoni tipprekludi skemi nazzjonali ta' ċittadinanza permezz ta' investiment li jippermettu l-għoti sistematiku ta' ċittadinanza ta' Stat Membru inkambju għal ħlasijiet jew investimenti predeterminati fin-nuqqas ta' rekwiżit ta' rabta ġenwina bejn l-Istat u l-individwi kkonċernati.

Il-Kummissjoni tqis li l-iskema taċ-Ċittadinanza Maltija permezz ta' Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali b'Investiment Dirett (2020) tikkostitwixxi tali skema illegali ta' ċittadinanza permezz ta' investiment. Billi stabbilixxiet u żammet tali skema, Malta tikkomprometti u timmina l-essenza tal-integrità taċ-ċittadinanza tal-Unjoni bi ksur tal-Artikolu 20 TFUE u bi ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża**

**(Kawża C-191/23)**

(2023/C 173/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: C. Hermes, L. Santiago de Albuquerque, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Repubblika Portugiża

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li r-Repubblika Portugiża ma wettqitx l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13(2) u (5) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1143/2014 tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi [1], sa fejn la ħolqot u lanqas applikat pjanijiet ta' azzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament, u sa fejn lanqas ma bagħtithom lill-Kummissjoni fit-terminu ta' żmien mogħti.

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Skont l-Artikolu 13(2) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2104, ir-Repubblika Portugiża kellha tliet snin, mid-data tal-adozzjoni tal-lista ta' speċi aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni (il-"lista tal-Unjoni"), biex toħloq, tapplika u tibgħat lill-Kummissjoni pjanijiet ta' azzjoni biex jindirizzaw id-direzzjonijiet prijoritarji ta' introduzzjoni u ta' tixrid ta' dawn l-ispeċi fit-territorju u fl-ibħra tagħha.

Ir-Repubblika Portugiża identifikat ħdax-il direzzjoni prijoritarja, koperti b'seba' proposti ta' pjanijiet ta' azzjoni.

Barra minn hekk, ir-Repubblika Portugiża ma indikatx id-data prevista ta' konklużjoni u ta' approvazzjoni ta' dawn il-pjanijiet, u lanqas ma bagħtithom lill-Kummissjoni.

(1) ĠU 2014, L 317, p. 35.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Latvja**

**(Kawża C-192/23)**

(2023/C 173/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Hermes u I. Naglis, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Repubblika tal-Latvja

**Talbiet**

— tiddikjara li r-Repubblika tal-Latvja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13(2) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi [1], billi ma stabbilixxitx u ma applikatx pjanijiet ta' azzjoni għat-toroq prijoritarji ta' introduzzjoni ddefiniti, kif ukoll billi ma bagħtithomx mingħajr dewmien lill-Kummissjoni.

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Latvja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

B'konformità mal-Artikolu 13(2) u (5) tar-Regolament Nru 1143/2014, ir-Repubblika tal-Latvja kellha terminu ta' tliet snin, sa mill-adozzjoni tal-lista tal-Unjoni, sabiex tistabbilixxi, tapplika u tibgħat lill-Kummissjoni serje ta' pjanijiet ta' azzjoni għat-toroq prijoritarji mhux intenzjonali ta' introduzzjoni u tixrid ta' speċi aljeni invażivi li huma preokkupanti għall-Unjoni, iddefiniti skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1143/2014. Il-Kummissjoni adottat il-lista msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1143/2014 fit-13 ta' Lulju 2016 jiġifieri t-terminu ta' tliet snin skada fit-13 ta' Lulju 2019.

Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament, il-Latvja identifikat tal-inqas ħames toroq prijoritarji (toroq ortikoli, ta' introduzzjoni sekondarja u akwarji, għall-pjanti, u toroq ta' introduzzjoni sekondarja u ta' ħarba minn faċilitajiet ikkonfinati, għall-annimali).

Barra minn hekk, il-Latvja stabbiliet u bagħtet lill-Kummissjoni pjanijiet ta' azzjoni biss għal waħda minn dawn it-toroq prijoritarji ddefiniti.

---

([1]) ĠU 2014, L 317, p. 35.

---

## Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs ir-Repubblika Taljana

## (Kawża C-193/23)

(2023/C 173/40)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Hermes u G. Gattinara, aġenti)

*Konvenut:* ir-Repubblika Taljana

### Talbiet

Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li, billi ma elaboratx u implimentatx pjan uniku jew serje ta' pjanijiet ta' azzjoni biex titratta l-vetturi prijoritarji ta' speċijiet aljeni invażivi u billi ma ttrażmettietx jew ittrażmettiethom b'dewmien lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi imposti mill-Artikolu 13(2) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi ([1]);

— tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

B'motiv uniku tar-rikors, il-Kummissjoni ssostni li, billi ma elaboratx u implimentatx pjan uniku jew serje ta' pjanijiet ta' azzjoni biex titratta l-vetturi prijoritarji ta' speċijiet aljeni invażivi u billi ma ttrażmettietx jew ittrażmettiethom b'dewmien lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi imposti mill-Artikolu 13(2) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi.

B'mod partikolari, fid-data tal-iskadenza tat-terminu indikat fl-opinjoni motivata, jiġifieri d-9 ta' April 2022, il-konvenuta ma elaboratx u ma implimentatx pjan uniku jew serje ta' pjanijiet ta' azzjoni biex titratta l-vetturi prijoritarji ta' speċijiet aljeni invażivi skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament, u lanqas ma kkomunikat mingħajr dewmien tali pjan jew tali serje ta' pjanijiet skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament.

---

([1]) ĠU 2014, L 317, p. 35.

# IL-QORTI ĠENERALI

**Rikors ippreżentat fl-20 ta’ Frar 2023 – ABLV Bank vs BĊE**

**(Kawża T-100/23)**

(2023/C 173/41)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ABLV Bank (Riga, il-Latvja) (rappreżentant: O. Behrends, avukat)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— Tannulla d-deċiżjoni tal-BĊE tat-8 ta’ Diċembru 2022 fir-rigward tar-rikorrenti li permezz tagħha l-BĊE ċaħad it-talba tar-rikorrenti għal aċċess għal dokumenti tal-BĊE skont ir-regoli dwar aċċess pubbliku għal dokumenti;

— Tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-lista ta’ dokumenti pprovduta mill-konvenut fid-deċiżjoni kkontestata kienet manifestament inkompleta.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni l-BĊE irrefera lir-rikorrenti b’mod illegali għas-sit internet tal-awtoritajiet ta’ pajjiż terz, minflok ma żvela d-dokument rilevanti fil-pussess tiegħu stess.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenut b’mod illegali rrifjuta aċċess għal seba’ dokumenti.

   — Ir-rikorrenti ssostni li l-konvenut ma pprovdiex motivizzjoni speċifika għar-rifjut ta’ aċċess fir-rigward ta’ kull wieħed mid-dokumenti, li l-konvenut interpreta u applika b’mod żbaljat il-kunċett ta’ “informazzjoni li hija protetta bil-liġi tal-Unjoni”, skont l-Artikolu 4(1)(ċ) tad-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta’ Marzu 2004 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Bank Ċentrali Ewropew, [1] li l-BĊE interpreta u applika b’mod żbaljat l-eċċezzjoni ta’ interessi kummerċjali fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tal-imsemmija Deċiżjoni tal-BĊE, li l-BĊE naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-interess pubbliku fl-iżvelar u li l-BĊE bbaża ruħu b’mod żbaljat fuq il-protezzjoni ta’ dokumenti intiżi għal użu intern jew għal konsultazzjonijiet preliminari mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, skont l-Artikolu 4(3) tal-imsemmija Deċiżjoni tal-BĊE, u ma pprovdiex motivazzjoni suffiċjenti f’dan ir-rigward.

4. Ir-raba’ motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-BĊE naqas milli jagħti aċċess għall-fajl.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenut b’mod illegali u mingħajr ebda bażi legali, waqqaf l-ipproċessar ta’ parti mit-talba għal aċċess.

---

(1) Deċiżjoni 2004/258/KE (ECB/2004/3) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 5, p. 51).

**Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Frar 2023 – Kargins vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-110/23)**

(2023/C 173/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Rems Kargins (Riga, il-Latvja) (rappreżentant: O. Behrends, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ddatata 12 ta’ Diċembru 2022 u rċevuta fis-16 ta’ Diċembru 2022 fir-rigward tar-rikorrent li biha l-Kummissjoni ċaħdet it-talba tar-rikorrent għal aċċess għad-dokumenti skont ir-regoli li jirregolaw l-aċċess pubbliku għal dokumenti;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tar-rikorrent.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-lista ta’ dokumenti pprovdut mill-konvenuta fid-deċiżjoni kkontestata hija manifestament inkompleta.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta redattat b’mod illeġittimu partijiet sinjifikattivi tad-dokumenti.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta ċaħdet l-aċċess għal erbatax-il dokument u li għamlet hekk abbażi ta’ interpretazzjoni żbaljata u applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament 1049/2001 [1] fir-rigward tad-djufija potenzjali tal-proċedura ġudizzjarja.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq il-fatt li l-pożizzjoni tal-konvenuta fir-rigward ta’ interess pubbliku potenzjalment prevalenti hija vvizzjati minn numru ta’ difetti inkluż, *inter alia*, li l-konvenuta ma rreferitx għal xi dannu fl-iżvelar, li ma kkunsidratx is-sinjifikat politiku u ekonomiku ta’ dan il-każ, u li ma kkunsidratx l-interess pubbliku fl-abbiltà li tevalwa d-differenza bejn ittra leġittima *amicus curiae* u interferenza illeġittima mill-Kummissjoni mal-amministrazzjoni tal-ġustizzja fi Stat Membru, billi tindika lill-qorti nazzjonali responsabbli li tisma’ l-appell konsegwenzi avversi għall-Istat Membru kkonċernat bħala riżultat ta’ azzjoni avversa meħuda mill-Kummissjoni jekk id-deċiżjoni tal-qrati inferjuri ma tinqalibx.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta naqset milli tagħti aċċess lir-rikorrent għal fajl.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq il-fatt li, billi toħroġ id-deċiżjoni kkontestata lir-rikorrent kważi sena wara li l-applikazzjoni konfermatorja ntbagħtet, id-data tal-iskadenza skont l-Artikolu 8(1) u (2) nqabżet b’mod tant egreġjuż li tikkostitwixxi ċaħda ta’ aċċess fiż-żmien rilevanti.

[1] Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

**Rikors ippreżentat fit-2 ta’ Marzu 2023 – Debreceni Egyetem vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-115/23)**

(2023/C 173/43)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Debreceni Egyetem (Debrecen, l-Ungerija) (rappreżentanti: J. Rausch u Á. Papp, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, tannulla, b'effetti *ex tunc,* jiġifieri, retroattivament sa mid-data tal-adozzjoni tiegħu, l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2506 ([1]) tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha sostnuti mir-rikorrenti fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka dsatax-il motiv.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 2 TUE

   — Ksur tal-Istat tad-dritt u tal-ġustizzja: l-istabbilimenti tal-edukazzjoni miżmuma minn trust ta' interess pubbliku ma pparteċipawx fil-proċedura preċedenti għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni u huma ssanzjonati b'konsegwenza ta' atti leġiżlattivi adottati mil-leġiżlatur Ungeriż.

   — Ksur taċ-ċertezza legali u taċ-ċarezza tar-regoli: sa fejn il-kategorija ta' persuni li qegħdin jiġu akkużati b'kunflitt ta' interessi, jiġifieri, l-"eżekuttivi politiċi għolja", ma hijiex kunċett preċiż, din tiġġenera interpretazzjonijiet arbitrarji u applikazzjoni tad-dritt li tista' tagħti lok għal abbużi.

   — Ksur tal-ugwaljanza u nuqqas ta' osservanza tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni: id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiddiskrimina kontra l-istabbilimenti tal-edukazzjoni Ungeriżi miżmuma minn trust ta' interess pubbliku meta mqabbla ma stabbilimenti oħra li joperaw skont mudell ieħor ta' sostenn.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4 TUE

   — Nuqqas ta' osservanza tal-projbizzjoni ta' ċaħda ta' kompetenzi: l-edukazzjoni u r-riċerka xjentifika – u, għaldaqstant, il-garanzija ta' funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u d-definizzjoni tal-kuntest li fih joperaw – jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, kompetenza li minnha qiegħdha tiġi mċaħħda l-Ungerija permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni peress li hemm interferenza diretta fil-funzjonament tal-istabbilimenti tal-edukazzjoni Ungeriżi.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4 TUE

   — Ksur tas-sussidjarjetà: id-Deċiżjoni tippermetti li sanzjonijiet pekunjarji jiġu imposti direttament fuq entitajiet ġuridiċi li huma differenti mid-destinatarju tagħha, mingħajr ebda eżami minn qabel dwar jekk l-Ungerija tinsabx f'pożizzjoni li tipproteġi b'mod suffiċjenti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

   — Ksur tal-proporzjonalità: is-sospensjoni tal-pagamenti hija ritaljazzjoni finanzjarja li tant hija serja li l-applikazzjoni tagħha hija ġġustifikata biss fil-każ ta' ksur manifest u immedjat ta' drittijiet; barra minn hekk, din għandha effetti li jtulu fiż-żmien.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 7 TUE

   — Nuqqas ta' evalwazzjoni tal-effetti: ma ttieħdux inkunsiderazzjoni l-eventwali konsegwenzi fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 9 TUE

   — Ksur tal-ugwaljanza taċ-ċittadini tal-Unjoni: il-persuni leżi mill-miżura huma dawk l-għalliema, ir-riċerkaturi u l-istudenti li ppreżentaw it-talbiet korrispondenti, sa fejn is-sospensjoni tal-pagamenti fil-konfront tagħhom tagħmilha impossibbli li dawn iwettqu l-attivitajiet ta' studju jew ta' tagħlim u riċerka rispettivi tagħhom.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 11 TUE

— La kien hemm konsultazzjonijiet mal-istabbilimenti tal-edukazzjoni għolja miżmuma minn trust ta' interess pubbliku u lanqas mal-istudenti, mal-għalliema, mar-riċerkaturi u mas-soċji ta' dawn l-istabbilimenti.

7. Is-seba' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 2 TFUE

— It-TFUE ma ttrasferixxiex lill-Unjoni l-kompetenzi fil-kuntest tal-politika fil-qasam tal-edukazzjoni u tar-riċerka xjentifika li ġew eżerċitati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

8. It-tmien motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 9 TFUE

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni ma twassalx għal livell għoli ta' edukazzjoni u taħriġ; barra minn hekk, fit-tul, tikkawża effetti sfavorevoli fil-qasam akkademiku, xjentifiku u ta' taħriġ għall-istudenti, għall-għalliem u għar-riċerkaturi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja Ungeriżi miżmuma minn fondazzjonijiet.

9. Id-disa' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 56 TFUE

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tillimita d-drittijiet ta' dawk iċ-ċittadini tal-Unjoni li ma humiex ċittadini Ungeriżi (studenti, għalliema, riċerkaturi) li jiżvolġu l-attività tagħhom fiċ-ċentri tal-edukazzjoni Ungeriżi miżmuma minn trust ta' interess pubbliku.

10. L-għaxar motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 67 TFUE

— Permezz tal-irtirar tal-fondi, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tirrendi impossibbli l-funzjonament taċ-ċentri miżmuma minn trust ta' interess pubbliku u tirrappreżenta attakk fuq il-kuntest ġuridiku li fih joperaw l-imsemmija ċentri, jiġifieri, indirettament, fuq is-sistema legali awtonoma (differenti) Ungeriża u fuq it-tradizzjonijiet legali tal-Ungerija.

11. Il-ħdax-il motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 120 TFUE

— L-effetti diskriminatorji u sproporzjonati tal-miżura huma manifesti u joħolqu wkoll żvantaġġ kompetittiv mhux iġġustifikat għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li joperaw fil-forma ta' trust ta' interess pubbliku.

12. It-tnax-il motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 124 TFUE

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni ssospendiet il-fondi fir-rigward ta' diversi destinatarji u fil-frattemp allokathom lil entitajiet oħra.

13. It-tletax-il motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 165 TFUE

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni ma tikkontribwixxix għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità, iżda fil-verità tikkawżalha danni gravi u tqiegħdha f'diffikultà.

14. L-erbatax-il motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 179 TFUE

— L-irtirar tal-fondi tal-programm ta' kooperazzjoni u ta' skambju edukattiv Erasmus+ u tal-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni Horizon Europe jippreżupponi ostaklu ċar kemm għall-moviment liberu tar-riċerkaturi, tal-għarfien xjentifiku u tat-teknoloġiji kif ukoll għall-iżvilupp tal-kompetittività tagħhom.

15. Il-ħmistax-il motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 13 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamenti tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta")

— Effett evidenti tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni hija l-bidla fil-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja Ungeriżi li joperaw skont il-mudell il-ġdid.

16. Is-sittax-il motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 2 TUE

— Fl-opinjoni tar-rikorrenti, il-kunflitt ta' interessi li jservi ta' bażi u ta' motivazzjoni għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni ma jeżistix.

17. Is-sbatax-il motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 48 tal-Karta

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tissanzjona direttament lir-rikorrenti meta, fil-każ tagħha, ma jeżistix il-kunflitt ta' interessi politiċi invokat bħala ġustifikazzjoni tas-sanzjoni, u dan jippreżupponi ksur gravi u manifest tal-preżunzjoni ta' innoċenza.

18. It-tmintax-il motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 52 tal-Karta

— Peress li, fil-każ tar-rikorrenti, *de facto* ma jeżistix kunflitt ta' interessi politiċi, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tikser ir-rekwiżiti ta' neċessità partikolari u ta' proporzjonalità.

19. Id-dsatax-il motiv ibbażat fuq ksur tar-Regolament ta' Awtorizzazzjoni ([2])

— Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni mingħajr ma eżamina, fuq il-mertu u speċifikament, l-eżistenza ta' kunflitt ta' interessi politiċi li jikkostitwixxi l-bażi tal-imsemmija deċiżjoni.

([1]) ĠU 2022, L 325, p. 94.
([2]) Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU 2020, L 433, p. 1).

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2023 – Synapsa Med vs EUIPO – Gravity Products (Gravity)**

**(Kawża T-125/23)**

(2023/C 173/44)

*Lingwa tar-rikors: il-Pollakk*

## Partijiet

*Rikorrent:* Synapsa Med sp. z o.o. (Jelcz Laskowice, il-Polonja) (rappreżentant: G. Kuchta, radca prawny)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Gravity Products LLC (New York, l-Istati Uniti)

## Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "Gravity" – Trade mark tal-Unjoni Nru 17 982 729

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Jannar 2023 fil-Każ R 923/2022-5

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tbiddel id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Jannar 2023 billi tilqa' l-appell mid-deċiżjoni tal-11 ta' April 2022 li tiddikjara t-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea GRAVITY ZTUE-017982729 bħala invalida u tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità.

## Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 945(1) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2017/1001 kif ukoll tal-Artikolu 7(2) u (3) u tal-Artikoli 16 u 17(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625;

— Ksur tal-Artikoli 60(1)(a) u 8(1)(b) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2017/1001.

## Rikors ippreżentat fil-15 ta’ Marzu 2023 – Vintae Luxury Wine Specialists vs EUIPO – Grande Vitae (vintae)

**(Kawża T-136/23)**

(2023/C 173/45)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Vintae Luxury Wine Specialists SLU (Logroño, Spanja) (rappreżentanti: L. Broschat García u L. Polo Flores, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Grande Vitae GmbH (Delmenhorst, il-Ġermanja)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattivi tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-elementi verbali “vintae” – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 5 851 092

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta’ kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta’ Jannar 2023 fil-Każ R 2238/2021-1

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO sabiex tiddikjara t-trade mark kontenzjuża valida fir-rigward ta’ prodotti u servizzi li jaqgħu fil-klassijiet 33 u 35;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti, Grande Vitae GmbH, għall-ispejjeż kollha sostnuti fil-kuntest tat-tilwima quddiem il-Qorti Ġenerali, inkluż dik relatata mal-proċedimenti quddiem l-Ewwel Bord tal-Appell.

### Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 60(1)(a), ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— ksur tal-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fit-23 ta’ Marzu 2023 – Kirov vs EUIPO – Pasticceria Cristiani (CRISTIANI)

**(Kawża T-149/23)**

(2023/C 173/46)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Georgi Kirov (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: J. Matzner, lawyer)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Pasticceria Cristiani Sas di Sergio Cristiani & C. (Livorno, l-Italja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrent quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "CRISTIANI" – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 13 498 381

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Jannar 2023 fil-Każ R 835/2022-1

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha;

— tikkundanna lill-konvenut u lill-intervenjent għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Marzu 2023 – Il-Polonja vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża T-156/23)**

(2023/C 173/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: B. Majczyna, S. Żyrek, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea mogħtija fl-ittra tat-13 ta' Jannar 2023 ([1]), dwar it-tpaċija ta' ammont bħala pagament ta' penalità ta' kuljum deċiża permezz tad-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Ottubru 2021 (Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-204/21 R, EU:C:2021:878) għall-perijodu mit-30 ta' Awwissu sat-28 ta' Ottubru 2022;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motivi bbażati fuq il-ksur tal-Artikoli 101 u 102, b'rabta mal-Artikolu 98 tar-Regolament 2018/1046 ([2]), minħabba li ġiet applikata l-proċedura ta' rkupru tad-dovut permezz ta' tpaċija, minkejja li d-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021 impona pagamenti ta' penalità ta' kuljum sal-eżekuzzjoni tad-digriet tal-14 ta' Lulju 2021 (Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-204/21 R, EU:C:2021:593), meta fil-15 ta' Lulju 2022 ma baqgħux jiġu applikati d-dispożizzjonijiet li s-sospensjoni tal-applikazzjoni tagħhom kienet meħtieġa mid-digriet tal-14 ta' Lulju 2021.

([1]) Ittra tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Jannar 2023. Ref. ARES(2023)240070.

([2]) Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36).

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2023 – Kneipp vs EUIPO – Patou (Joyful by nature)**

**(Kawża T-157/23)**

(2023/C 173/48)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Kneipp GmbH (Würzburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Pejman, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Jean Patou (Pariġi, Franza)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "Joyful by nature" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 159 946

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Jannar 2023 fil-Każ R 532/2022-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn ċaħdet l-appell ippreżentat mir-rikorrent kontra r-rifjut tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni għall-prodotti u s-servizzi li jaqgħu fil-Klassijiet 3, 4, 35 u 44;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tar-rikorrenti, inklużi dawk sostnuti fil-kuntest tal-proċidmenti ta' oppożizzjoni.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2023 – VO vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-160/23)**

(2023/C 173/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* VO (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-20 ta' Mejju 2022 innotifikata fl-istess jum permezz ta' Ares(2022)3814828 [*kunfidenzjali*] [1] li permezz tagħha, fil-kwalità tagħha ta' Awtorità tal-Ħatra, hija ddeċidiet li tnaqqas lir-rikorrenti mill-grad AST2/3 għall-grad AST1/3 b'mod effettiv mid-data tal-ewwel jum tax-xahar wara din id-deċiżjoni, jiġifieri l-1 ta' Ġunju 2022;

— tordna l-ħlas mill-Kummissjoni, bħala kumpens għad-dannu materjali, suġġett għal żieda jew tnaqqis matul il-proċedura, ta’ somma ta’ EUR 533,88 li tikkorrispondi għad-differenza bejn ir-remunerazzjoni tar-rikorrenti u l-benefiċċji dovuti minħabba l-grad AST2/3 tagħha u dawk fil-fatt irċevuti wara t-tnaqqis fi grad ikkontestat;

— tordna l-ħlas mill-Kummissjoni, bħala kumpens għad-dannu morali u għar-reputazzjoni tiegħu, suġġett għal żieda jew tnaqqis matul il-proċedura, ta’ somma ta’ EUR 10 000;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 51 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u tad-dispożizzjonijiet interni adottati b’eżekuzzjoni tagħhom, b’mod partikolari d-Deċiżjoni C(2019) 6855 tal-4 ta’ Ottubru 2019 dwar il-proċeduri ta’ trattament tal-inkompetenza professjonali u, b’mod partikolari, l-Artikoli 4 sa 7 tagħha, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 1597/7 tat-28 ta’ April 2004 dwar iż-żamma ta’ standards professjonali.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju li jimponi fuq l-amministrazzjoni li tieħu deċiżjoni biss fuq il-bażi ta’ motivi legalment ammissibbli, jiġifieri rilevanti u mhux ivvizzjati bi żbalji manifesti ta’ evalwazzjoni, ta’ fatt jew ta’ liġi, kif ukoll tal-obbligu ta’ motivazzjoni ġusta u adegwata.

3. It-tielet motiv, ibbażat, l-ewwel, fuq il-ksur tal-prinċipji ta’ premura, tal-aspettattivi leġittimi, ta’ amministrazzjoni tajba, ta’ ugwaljanza fit-trattament u, ibbażat, it-tieni, fuq l-oħra, fuq użu ħażin ta’ poter.

(1) Data kunfidenzjali ommessa.

**Rikors ippreżentat fil-25 ta’ Marzu 2023 – Schönegger Käse-Alm vs EUIPO – Jumpseat3D plus Germany (Rebell)**

**(Kawża T-161/23)**

(2023/C 173/50)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Schönegger Käse-Alm GmbH (Prem, il-Ġermanja) (rappreżentant: M.-C. Seiler, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Jumpseat3D plus Germany GmbH (Berlin, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “Rebell” – Trade mark tal-Unjoni Nru 2 810 950

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta’ kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta’ Jannar 2023 fil-Każ R 295/2022-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn hija ddikjarata invalida t-trade mark tal-Unjoni “Rebell” Nru 2 810 950 li taqa’ taħt il-klassi 29 għall-prodotti: “Prodotti tal-ħalib, b’mod partikolari butir, preparazzjonijiet tal-butir, butir ikkjarifikat, butir taż-żejt, ġobon kwark, ħelu bil-ġobon tal-kwark, prodotti mill-ħalib, prodotti mill-ħalib imnixxef, ikel djetetiku li fih ħalib u prodotti tal-ħalib”;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn ir-rikorrenti ġiet ikkundannata għall-ispejjeż tal-proċedimenti tal-appell;

— tikkundanna għall-ispejjeż lill-EUIPO u lil Jumpseat3D plus Germany GmbH, fil-każ li l-parti l-oħra fil-proċedimenti tintervjeni fil-kawża kontra l-konvenuta, inklużi l-ispejjeż tar-rikorrenti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, flimkien mal-Artikolu 21(1)(e) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625;

— Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, flimkien mat-tieni sentenza tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, flimkien mar-raba’ sentenza tal-Artikolu 19(1) u mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625.

---

## Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Marzu 2023 – Sengül Ayhan vs EUIPO – Pegase (Rock Creek)

## (Kawża T-162/23)

(2023/C 173/51)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Sengül Ayhan e. K (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Boden, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Pegase SAS (Saint-Malo, Franza)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrent quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “Rock Creek” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 352 299

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta’ Jannar 2023 fil-Każ R 1237/2022-5

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-oppożizzjoni tat-12 ta’ Mejju 2022;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' Marzu 2023 – Dekoback vs EUIPO – DecoPac (DECOPAC)

## (Kawża T-166/23)

(2023/C 173/52)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Dekoback GmbH (Helmstadt-Bargen, il-Ġermanja) (rappreżentant: V. von Moers, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* DecoPac, Inc. (Anoka, Minnesota, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "DECOPAC" – trade mark verbali tal-Unjoni Nru 160 747

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Jannar 2023 fil-Każ R 754/2022-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkanċella kompletament it-trade mark Nru 160 747 DECOPAC li ġiet irreġistrata għall-parti l-oħra, DecoPac, Inc.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 52 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2023 – RT France vs Il-Kunsill

## (Kawża T-169/23)

(2023/C 173/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* RT France (Boulogne-Billancourt, Franza) (rappreżentant: E. Piwnica, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/191 tas-27 ta' Jannar 2023 li temenda d-deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina;

— tikkundanna l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha;

bil-konsegwenzi legali kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenut kiser il-libertà tal-espressjoni żgurata mill-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenut kiser il-libertà tal-intrapriża protetta mill-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenut kiser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li jirriżulta mill-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Marzu 2023 – VR vs Il-Parlament**

**(Kawża T-171/23)**

(2023/C 173/54)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* VR (rappreżentanti: L. Levi u P. Baudoux, avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;

konsegwentement,

— tannulla d-deċiżjoni tad-9 ta' Ġunju 2022 li tinforma lir-rikorrent li l-kuntratt tiegħu kien ser jiġi xolt u, sa fejn ikun meħtieġ, id-deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru 2022 li tiċħad l-ilment tiegħu kontra d-deċiżjoni tad-9 ta' Ġunju 2022;

— tikkundanna lill-konvenut jikkumpensa d-dannu sostnut mir-rikorrent;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni dwar ir-raġunijiet li taw lok għad-deċiżjoni, u fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u b'mod iktar partikolari tad-dritt għas-smigħ, tad-dmir ta' motivazzjoni, tal-osservanza tar-rekwiżit ta' imparzjalità tal-amministrazzjoni u tad-dmir ta' diliġenza.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq id-dmir ta' premura.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Marzu 2023 – ZK vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-627/28)** ([1])

(2023/C 173/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tal-Ħames Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 4, 7.1.2019.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Marzu 2023 – NV vs BEI**

**(Kawża T-16/22)** ([1])

(2023/C 173/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tal-Għaxar Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 95, 28.2.2022.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Marzu 2023 – Ilunga Luyoyo vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-97/22)** ([1])

(2023/C 173/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 148, 4.4.2022.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Marzu 2023 – NV vs BEI**

**(Kawża T-447/22)** ([1])

(2023/C 173/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tal-Għaxar Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 359, 19.9.2022.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT